NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 103** **Lulju - Settembru 2021**

## Il-kappell ta' Karlu

Nhar l-Imnarja, mill-Imdina
bil-vapur tal-art ġejt 'l haw'.
Fil-vagun, kien hemm sinjuri,
nies li jħobbu jiċċajtaw.

Binhom Karlu kien imxerref
jara kollox miexi lura.
Billi r-riħ kien naqra qawwi,
qabżet qaltlu is-sinjura:

"Karlu, żomm il-kappell sewwa
għax ir-riħ itajjarulek.
Isma' minni," kompliet ommu.
"Jekk itir, ħadd ma jġibulek!"

Trux it-tifel għall-kliem t'ommu,
baqa' mxerref barra t-tieqa.
Il-misser, raġel minn tagħna,
malajr ħaseb jagħmel ħlieqa.

Il-kappell ħadlu minn rasu,
b'ħeffa kbira wrajh ħbihulu.
"Rajtx, kif tarlek?" qaltlu ommu.
"Inbus l-art li r-riħ ħadulu!"

Karlu nfexx jixher u jibki,
rasu jħokk, jagħti b'riġlejh
u, bl-għajjat u l-biki tiegħu,
dejjaq lil kull min kien ħdejh.

"Iskot Karl," qallu missieru,
"Oqgħod ġwejjed; tibki xej',
ħa nsaffarlu u jerġa' jiġi.
Fiss, fiss, fiss! Hawn hu; ġej, ġej!"

Hekk kif ħass il-kappell f'rasu,
Karlu tbissem, faqqa' jdejh.
Aħna dħaqna u dħaqna sewwa
u stagħġibna nħarsu lejh.

Wara li ntesiet il-biċċa,
f'daqqa waħda qabad Karlu,
il-kappell ramieh mit-tieqa
u qal, "Pa, erġa' saffarlu!"

Din il-poeżija nstabet fi ktieb tat-tfal tal-iskola; ktieb ta' qari Malti tal-1904. Jien għandi sitta u sebgħin sena u, lili, din il-poeżija kienet tgħidhieli n-nanna Lużar, omm ommi, meta kont għadni tifel żgħir. In-nanna Lużar twieldet fl-1876 u mietet ta' tlieta u disgħin sena fl-1969. Min jaf kemm se tqajjem tifkiriet lil dawk li bħali, kienu jisimgħuha mingħand nanniethom!
L-Editur

F'din l-edizzjoni...




6

**Karmen Azzopardi**
*Intervista minn Nazju Abela*



8

**Nibżgħu għall-saħħitna biex nassiguraw anzjanità attiva**
*Kitba ta' Victor Cilia*




---

Adopt a Grandparent
114, Lorenzo Gafa Street, Mosta MST4128
Tel: 21 222001
admin@adoptgrandparent.org

L-iskema Addotta nannu jew nanna teżisti biex iġġib ferħ, tama u mħabba lill-persuni anzjani li jħossuhom weħidhom fid-djar taghhom jew fil-faċilitajiet ta' Djar tal-anzjani f'Malta u Għawdex bil-għan li toħloq ħbiberija twila bejn il-ġenerazzjonijiet.

**KIF TAĦDEM?**

Il-kampanja hi mmirata biex tgħin ċittadini anzjani biex iħossuhom maħbuba u biex iħossuhom inqas weħidhom billi nipprovdulhom wiċċ/vuċi familjari li tkun tista titkellem maghhom. Introduċejna din il-kampanja billi nipprovdu ftit kumpanija li tkun ta' stimolu mentali lil dawk li jkunu qed iħossuhom weħidhom. Diversi volontiera tagħna jikkuntatjaw lill-anzjani billi:

- Isiru telefonati jew *video calls*
- Jintbagħtu stampi/stejjer/poeżiji lill-anzjani bil-posta jew permezz ta' mod diġitali.
- Naqsmu stejjer minn ġenerazzjonijiet differenti
- Jintbagħtu ittri/*postcards* bhal *penfriends*!

U l-hbiberija tikber minn hemm u dan kollu jsir fuq bażi volontarja!
Dawk kollha li jixtiequ li jkollhom volontier tagħna li jkun qisu neputi jew neputija taghhom billi jċemplilhom u jżommilhom kumpanija, hu mitlub li jċempel lil Moira fuq 21222001 u tingħataw aktar informazzjoni.

***Din l-inizzjattiva ġiet possibbli grazzi għall-kollaborazzjoni bejn Missio Malta u Newsbook.com.mt.***

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**


**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno,
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Ass. Segretarja:**
Doris Aquilina

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Membri:**
Mary Farrugia
Alfred Mallia
Mary Mangion
Frank Mumford
Lino Debono (Co-Opted)


**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00


KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**


## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

"Jien m'jiniex tabib." Hekk jibda l-kitba tiegħu l-ħabib tagħna Victor Cilia, anzjan residenti f'Casa Antonia, Ħal Balzan, li qed tidher f'din l-istess ħarġa ta' dan il-*magazine*. Lanqas jien m'jien tabib però għandi sitta u sebgħin sena u l-esperjenzi fil-ħajja għallmuni xi ħaġa.

Daqs sen' ilu, ftit wara li bdiet il-pandemija, kont wieħed minn tal-ewwel (jekk mhux l-ewwel wieħed, għax, fil-fatt, ma smajtha mingħand ħadd qabel) li pprevedejt li, bis-saħħa tal-miżuri preventivi kontra l-covid dsatax, nistenna li anki l-inċidenza tal-influwenza u tal-irjiħat komuni għandha tonqos. Ir-raġunament tiegħi kien dan. Il-mikrobu tal-influwenza u tal-irjiħat jixtered bl-istess mod kif jixtered il-virus tal-covid; jiġifieri, għax immissu xi ħaġa infettata, permezz ta' kuntatti ma' ħafna nies f'daqqa li, xi whud minnhom, jistgħu jkunu qed iġorru l-virus, anki mingħajr ma jafu, jew għax nibilgħu ġo fina man-nifs dawk il-qtar żgħar li joħorġu mill-ħalq jew mill-imnifsejn meta nisogħlu jew naghtsu. Issa, minħabba l-biża' tal-covid, qed naħslu jdejna iktar spiss, qed nużaw il-*wipes* u s-*sanitiser* b'mod regolari, qed nilbsu l-maskra jew il-*visor* jew, saħansitra, it-tnejn, u qed nevitaw il-folol u l-attivitajiet tal-massa. Allura, huwa ovvju li, bħalma nistenna li dawn il-prekawzjonijiet għaqlin inaqqsu t-tixrid tal-virus tal-covid, nistenna li l-istess prekawzjonijiet inaqqsu wkoll it-tixrid tal-mikrobu tal-influwenza u tal-irjiħat.

Kien ta' sodisfazzjon għalija personali li, wara ftit taż-żmien, din l-istqarrija bdejt nismagħha tingħad ukoll minn tobba li jitkellmu fuq ir-radio jew fuq it-*television* u anki mill-aġenziji tal-aħbarijiet. M'għandix biex niftaħar. Din mhix profezija bħal ta' Nostradamus imma sempliċiment riżultat ta' deduzzjoni loġika dwar dak li, normalment, jiġri fil-ħajja.

Mistoqsija li spiss jagħmlu n-nies f'dawn iż-żminijiet hija: 'Jekk nieħu l-vaċċin kontra l-covid dsatax, ikolli l-immunità?' 'Allura, dan ifisser li għandi garanzija li żgur ma taqbadnix il-covid?' Ejjew naraw x'jiġri fil-kaz tal-*injection* tal-influwenza. Mill-esperjenza personali nista' ngħid li, qabel bdejt nieħu l-*injection* kontra l-influwenza b'mod regolari kull sena, kont suġġett ħafna għall-influwenza u għall-irjiħat. L-influwenza kienet ittini bil-qawwi kull sena u irjieħat anki iktar minn darba f'sena. Meta bdejt nieħu l-injection, ma rridx ngħid li qatt ma mradt iżjed imma, meta qabditni l-influwenza, ma kinitx qawwija bħal qabel u l-irjiħat naqsu drastikament. Illum, ngħaddi xhur shah, u anki snin, mingħajr ma jaqbadni riħ. Hekk ukoll nistenna li jiġri bil-vaċċin kontra l-covid. Ma nistenna lil ħadd jagħtini garanzija li, jekk nieħu l-vaċċin, mhux ser nieħu l-marda imma nistenna li, jekk jiġri hekk, din ma tkunx qawwija (jew fatali) bħalma kienet tkun kieku ma ħadtx l-*injection*. Ma naħsibx li bilfors trid tkun tabib jew ħassieb jew avukat biex tasal għal konklużjonijiet bħal dawn.

U, meta semmejt lil dawn it-tliet professjonisti, ftakart f'ċajta li xtaqt nispiċċa biha. Kien hemm tlitt iħbieb, wieħed tabib, wieħed ħassieb u l-ieħor avukat li bdew jargumentaw liema hija l-eqdem professjoni. It-tabib qal li l-eqdem professjoni hija dik medika għax, meta Alla ħa kustilja minn Adam u minnha ħoloq lil Eva, dik kienet l-ewwel operazzjoni!

Il-ħassieb ma qagħadx lura u qalilhom li l-eqdem professjoni hija l-filosofija għax, iktar qabel, meta Alla ħoloq id-dinja, Hu għamel l-ordni minflok il-kaos!

Qabeż l-avukat u staqsihom: "U l-kaos min għamlu?"

Mela, kif ġieli nagħmel, fettilli dan l-editorjal nurih lil wieħed ħabib tiegħi ħalli jgħidli x'jidhirlu minnu. U dan qalli li tajjeb imma li diċ-ċajta diġà kont għidtha qabel!

Billi jien, bħala l-editur, dejjem irrid li l-aħħar kelma tkun tiegħi, għidtlu: "Dak ifisser żewġ affarijiet; l-ewwel li jiena qed nixjieħ u t-tieni li int għandek memorja tajba!"
Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Il-Ħidma fil-Qasam tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità



**Messaġġ tal-Ministru**

Fl-aħħar ġimgħat il-Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva kellu quddiemu l-prijorità tat-tilqim tal-anzjani u ħaddiema fir-residenza San Vincenz de Paule u fid-djar kollha tal-anzjani, kif ukoll tal-anzjani immobbli fir-residenza privata tagħhom. Fil-Ministeru ħdimna biex nibdew inizjattivi ambizzjużi, kif ukoll nippjanaw biex fil-ġimgħat li ġejjin indaħħlu servizzi ġodda.

Inħossni onorat li għandi miegħi tim ta' persuni jmexxu d-diversi dipartimenti li għandhom għal qalbhom dan is-settur u, li huma proattivi ħalli ntejbu d-diversi servizzi u ndaħħlu oħrajn ġodda.

Bħala Ministeru għandna r-responsabbiltà tal-ġid tal-anzjani fil-komunità u għaddejjin bi pjanijiet biex l-istrateġiji li se nħabbru fil-ġimgħat li ġejjin ikunu intenzjonati li jħarsu lejn is-settur b'mod ħolistiku, inkluż il-bżonnijiet tal-qraba tal-anzjani.

Filwaqt li diversi inizjattivi li ħa l-Gvern wasslu għal kwalità ta' ħajja aħjar, xorta nibqgħu impenjati li ntejbu diversi faċilitajiet.

Eluf ta' anzjani qed igawdu minn użu tat-trasport pubbliku b'xejn. Issa se nagħmlu pass ieħor. Dawk li huma anzjani qed noffrulhom opportunità ta' roħs fuq diversi prodotti li jixtru. Nittamaw li aktar ħwienet u stabbilimenti jersqu 'l quddiem ħalli joffru firxa aktar wiesgħa ta' prodotti.

Id-Dimensja se tkun qed tingħata aktar importanza u qed inħarsu 'l quddiem għat-twettiq ta' proġetti ġodda, kemm għall-persuni bid-Dimensja kif ukoll għall-qraba li jkunu qed jieħdu ħsiebhom.

Matul din is-sena se nifthu żewġ ċentri ta' matul il-jum għal persuni bid-Dimensja f'Ħal Safi u l-Imtarfa; noffru apparat li jġorru magħhom persuni bid-Dimensja, li għadu possibbli għalihom li joħorġu mid-dar; naghtu għodda ta' taħriġ u informazzjoni għall-qraba ħalli jkollhom aktar għarfien dwar il-kundizzjoni u kif jieħdu ħsieb l-għeżież tagħhom.

Il-ħidma impenjattiva li bdejna se tkompli.
Noħolmu, nippjanaw, inwettqu.

Michael Farrugia
Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva

**Diversi proġetti li ġew implimentati bejn Novembru 2020 u April 2021**

1. **Awditjar dwar is-Servizz tal-CommCare**

Sar awditjar fuq is-servizz tal-Commcare minn kumpanija professjonali. Dan is-servizz, li jiġi offrut mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AAKK), jikkonsisti f'servizz ta' infermiera jew *carer* id-dar għal dawk il-pazjenti li ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar. 'Il fuq minn 10,000 persuna jibbenefikaw minn dan is-servizz, u jsiru 'l fuq minn 930,000 intervent f'sena. Dan l-awditjar ikkonkluda li 97.7% huma sodisfatti ħafna bis-servizz.

2. **Telecare on the Move**

L-AAKK nediet servizz pilota biex jiġu megħjuna persuni vulnerabbli li jgħixu bid-dimensja fil-komunità biex jiksbu l-apparat tat-*Telecare on the Move* b'rati li huma sussidjati b'mod sinifikanti. Dan l-apparat jaħdem minn kull parti ta' Malta u Għawdex u jippermetti li jkun hemm kuntatt ma' *call centre* fuq bażi ta 24 siegħa kuljum f'każ ta' bżonn. Barra minn hekk, permezz ta' sinjal tal-GPS, jippermetti li jiġi lokalizzat l-anzjan li jintilef, kif ukoll jintbagħat messaġġ jekk l-anzjan jaqa'. Persuni fl-istadji ħfief tad-dimensja li jgħixu fil-komunità jkunu jistgħu japplikaw biex jiksbu l-apparat tat-*Telecare on the Move* mingħajr ħlas minflok ma jħallsu €59.99, filwaqt li jħallsu biss €4.99 fix-xahar (VAT esklużа) għall-abbonament ta' sena. L-applikanti li japplikaw għall-iskema u li għandhom il-karta r-roża maħruġa mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali jiġu pprovduti wkoll bl-apparat tat-*Telecare on the Move* b'xejn kif ukoll is-servizz b'xejn ta' kull xahar. L-applikanti jeħtieġu li jkollhom dijanjożi ta'

forma ta' dimensja u jkunu preżentament qegħdin jgħixu fil-komunità.

3. **Klinika tal-Kontinenza ġdida ġewwa l-Mellieħa**

L-AAKK fetħet erba' Kliniċi tal-Kontinenza ġodda fil-Komunità. Dawn jinsabu fiż-Żurrieq, il-Mosta, il-Mellieħa u l-Ħamrun.

4. **Żidna l-għażla tal-prodotti tal-kontinenza mogħtija lill-klijenti**

Issa qed noffru prodotti ġodda bħal pads għall-irġiel u pull ups li bdew jiġu offruti lill-klijenti li jbatu miill-inkontinenza.

5. **L-iskema tal-KartAnzjan**

L-AAKK nediet l-iskema tal-KartAnzjan. Permezz ta' din l-iskema, l-anzjani li għandhom iżjed minn 60 sena jistgħu jibbenefikaw minn numru ta' skontijiet minn ħwienet differenti madwar Malta u Għawdex. Sadanittant, l-espressjoni ta' interess tibqa' miftuħa, u l-kumpaniji jistgħu jkomplu jissottomettu l-offerti tagħhom.

6. **Ftehim mal-ESPLORA**

Iġġedded u ġie ffirmat ftehim kollettiv bejn l-AAKK u l-Esplora, f'isem il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija u l-Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva. F'dan il il-kuntratt sar ftehim sabiex anzjani li għandhom iżjed minn 60 sena fil-komunità jibbenefikaw minn tnaqqis fil-prezz tal-biljett minn €6 għal €4. Ser jingħata ukoll skont ta' 10% mill-Esplora *Shop* u pakkett speċjali tal-ikel, fejn ikla tkun skontata għal €6 biss. Fl-istess kuntratt qed jiġi ffirmat ftehim ieħor, fejn l-AAKK tista' torganizza gruppi għall-anzjani għal żjarat ġewwa l-Esplora bi prezz imraħħas ħafna.

7. **MOU mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi – Villaġġ adattat għall-persuni bid-dimensja.**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi flimkien mal-AAKK se jkunu qed jikkollaboraw flimkien biex jibdew l-ewwel inizjattiva ta' komunità adattata għall-persuni bid-dimensja. Komunitajiet adattati għall-persuni bid-dimensja huma bliet u rħula fejn il-persuni bid-dimensja huma mifhuma, rispettati u appoġġjati.

F'komunità adattata għall-persuni bid-dimensja, in-nies tal-lokal se jkunu konxji tad-dimensja u jifhmuha, u għalhekk il-persuni li jgħixu bid-dimensja jkunu jistgħu jkomplu jgħixu b'mod attiv fil-komunità li jagħżlu.

8. **Żieda fl-Iskema *Carer at Home* għal €6,000 fis-sena**

Permezz ta' din l-iskema, l-AAKK tappoġġja finanzjarjament anzjani approvati li jimpjegaw *carers* kwalifikati sabiex jgħinuhom fid-dar privata tagħhom stess. Matul is-snin, dan il-benefiċċju żdied u mill-2021 tela' għal €6,000 fis-sena, żieda ta' kważi €800 fuq is-sena ta' qabel. Il-benefiċċju massimu jitħallas lil dawk li jimpjegaw carer fuq bażi full-time u l-ħlas isir kull xahar. Dawk li jagħżlu arranġament *part-time* jingħataw ħlas *pro-rata* skont is-sigħat involuti.

9. **Taħriġ fl-IT u s-Saħħa Mentali**

L-AAKK laħaq ftehim ma' Willingness Hub biex iwassal programm ta' taħriġ dwar l-IT u s-Saħħa Mentali. Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi taħriġ lil persuni anzjani li jgħixu fil-komunità u lil dawk li jgħixu fil-kura residenzjali dwar l-użu bażiku tat-*tablet* bil-għan li jiffaċilitaw l-interazzjoni soċjali u jipprevjenu l-iżolament, u li jkollhom aċċess għal applikazzjonijiet u gruppi ta' appoġġ li jinkoraġġixxu s-saħħa mentali u l-benesseri.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ANZJANI
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Zone 3, Triq in-Negozju,
Central Business District,
Birkirkara, Malta, CBD 3010

T 356 2590 3014

356 2590 3015
356 2590 3020
356 2590 3026

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

# Nazju Abela f'intervista mal-attriċi Karmen Azzopardi



Min hu tal-età tagħna jaf lill-attriċi brava Karmen Azzopardi bħala stilla tal-palk Malti. Il-versatilità tagħha bħala attriċi Maltija tul is-snin ħamsin u wara flimkien mat-talenti kbar tagħha kienu tali li l-aħjar kumpaniji teatrali kienu jagħtuha l-aqwa partijiet fix-xogħlijiet teatrali tagħhom. Isem Karmen Azzopardi bħala protagonista ta' drammi fit-Teatru Manoel u f'teatri oħrajn kien biżżejjed biex jiġbed l-akbar udjenzi.

Karmen kienet ukoll attriċi mfittxija, anki għal xogħlijiet bl-Ingliż, saħansitra, anki fuq *BBC Radio*. F'din l-intervista, ser insiru nafu aħjar lil Karmen Azzopardi li hi fost l-aqwa attriċi li qatt kellu pajjiżna.

**Qabelxejn, għidilna xi ħaġa dwar it-tfulija, iż-żgħożija, fejn** ħadt l-edukazzjoni tiegħek **u dwar il-familja li trabbejt fiha sakemm dħalt fid-dinja tax-xogħol**

Jien twelidt il-Ħamrun u, bil-grazzja t'Alla, issa, f'lulju, nagħlaq tmienja u tmenin sena. Il-ġenituri tiegħi kienu Filippo Azzopardi u Ġiuseppina Borg. Trabbejt ġo familja tajba; ta' morali għolja. Magħna, kien jgħix iz-ziju, ħu l-mamà, is-serv t'Alla, Eugenio Borg, l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.

**Jekk tippermettili ninterrompik daqsxejn, jien niftakru sew lil Eugenio Borg għax, kull nhar ta' Ħadd filgħodu, kien jiġi ċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika, tal-ġuvintur (id-Domus) Ħaż Żebbuġ, fejn kont President, u kien jagħmlilna l-ispjega tal-Vanġelu. Ta' żagħżugħ li kont, dejjem rajt fih xempju ta' spiritwalità u qdusija. Skużani, waqqaftek; kompli.**

Ta' tifla żgħira, kont immur l-iskola tan-Nuna tal-Ħamrun. Kont nagħmel bikja kuljum biex ma mmurx skola imma l-mamà kienet soda u ta' dixxiplina u qatt ma ċedietli. U mnalla! Wara, dħalt l-iskola tal-Montessori, tal-Belt. Hemmhekk, kont f'kumpanija eċċellenti. Miegħi, fl-istess bank, kelli lil Peter Serracino Inglott li bqajna nifirħu b'xulxin kull meta konna niltaqgħu. Imbagħad, għaddejt għas-*Saint Theresa Secondary School* ta' Ħal Tarxien u, aktar tard, dħalt il-*Mater Admirabilis Training College* biex insir *teacher*.

**X'ħajrek tagħżel il-palk bħala l-għan ewlieni ta' ħajtek**

Ħdimt ta' *teacher* għal sena u nofs biss għax ġejt imsejħa biex inkun xandara ta' programmi għall-iskejjel mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u, aktar tard, sirt *script-writer*. Wara xi snin, ilħaqt *senior script-writer* u Kap tal-*Films and Photography Section*. F'dan iż-żmien, kont diġà nieħu sehem fuq il-palk u fuq ir-radju imma ddeċidejt li mmur nitħarreġ iżjed fl-*Actors' Studio* ta' Londra u, wara, anki għal taħriġ fix-xandir mal-*BBC*. Kien taħriġ intensiv ħafna.

Lura Malta wara dawn iż-żewġ korsijiet, komplejt naħdem mad-Dipartiment tal-Informazzjoni. Konna naħdmu sigħat twal. Niftakar ir-*Round Table Conference* meta konna nittraduċu t-taħditiet u *nxandruhom. Imma xorta bqajt għaddejja bit-teatru u, dak iż-żmien, fuq ir-Rediffusion, fejn kont nirrekordja radio*-play kważi darba fil-ġimgħa.

**Liema kienet l-ewwel okkażjoni meta dhert fuq il-palk? X'kienet ir-reazzjonijiet tal-pubbliku? Kif komplejt minn hemm 'il quddiem?**

Sa minn meta kont għadni żgħira, dejjem urejt xejra għar-reċtar; sew meta kont il-Montessori, is-sekondarja u anki l-*Mater Admirabilis Training College* fejn, saħansitra, għamilna l-Macbeth u jien kelli l-parti ta' *Lady Macbeth*. Meta ħriġt mit-*Training College*, ingħaqadt mal-*British Institute Players*, taħt diretturi professjonali Ingliżi. L-ewwel parti li ħdimt kienet dik ta' *Dunia* fid-dramm ta' Dostoevsky, *Crime and Punishment*. Għalkemm kelli parti żgħira, ħriġt b'suċċess u, għalhekk, fi ftit taż-żmien, offrewli partijiet prinċipali. U hekk bdiet it-triq twila tat-teatru; mal-*Malta Amateur Dramatic Company*, mal-*Malta Drama League*, il-*Gioventù Cattolica* tal-Belt, taħt id-direzzjoni ta' Monsinjur Salvu Laspina, mal-*Malta Talent Artists*, it-Teatru Manoel, ma' Francis Ebejer, mal-Kumpanija Talenti u oħrajn.

**Tgħidilna liema kienu l-aqwa partijiet li ħdimt fuq il-palk u fuq ir-radju, sew bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż? Liema kienet l-aktar parti li ħadt pjaċir taħdem u li tatek l-aktar sodisfazzjon?**

Irreċtajt bil-Malti u bl-Ingliż f'ħafna produzzjonijiet u f'bosta radju-drammi u *teleserials*; inkluż l-ewwel wieħed bil-Malti fuq it-TV, F'Baħar Wieħed. Fis-snin sebgħin, kont parti minn delegagazzjoni tad-Dipartiment tal-Informazzjoni għal EXPO 70, f'Osaka, il-Ġappun, fejn domt sitt xhur. Meta kellna l-*Malta Day*, fost affarijiet oħra, qrajt poeżija bil-Ġappuniż. Din swietli daqs ġimgħatejn taħriġ fl-ilsien Ġappuniż. Dak iż-żmien ukoll, Chev. Paul Naudi li, wara snin, sar ir-raġel tiegħi, ħajjarni biex ikolli l-kumpanija teatrali tiegħi. Naturalment, l-idea għoġbitni ħafna. Allura, iffurmajna kumitat u waqqafna l-*Atturi* Theatre *Group* li, wara xi



snin, saret l-*Atturi Productions*. B'sodisfazzjon ngħid li għandi l-unur li ppreżentajna lill-udjenzi Maltin u barranin xogħlijiet klassiċi internazzjonali ta' Eduardo de Filippo, Tennessee Williams, Ugo Betti, Garcia Lorca, Ibsen, Chekov, Arthur Miller, Durnumacht, Pirandello, Brecht, Feydeau u anki ta' awturi Maltin bħal Lino Farrugia, Vince Vella u Karmenu Aquilina.

*Anki Moscow morna fejn, fil-Gogol Theatre, ippreżentajna żewġ drammi: Evening* Lights, ta' Arbuzov u *Saturday, Sunday, Monday* ta' Eduardo de Filippo. Naturalment, kull parti li ħdimt għamiltha mill-aħjar li naf u bqajt ngħożżha f'qalbi. Imma Filumena Marturano, Medea u Hecuba jibqgħu mnaqqxin fil-fond.

**Illum, li rtirajt, kif tqatta' l-ħin ħieles tiegħek?**

Bil-għajnuna tal-Madonna, għax tagħha huwa l-mertu, ġejt mogħtija diversi *awards* għall-ħidma tiegħi fit-teatru, fuq it-televiżjoni u fuq ir-radju. Fis-sena 2002, ingħatajt il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika mill-President ta' Malta ta' dak iż-żmien, il-Professur Guido de Marco.

Jiena rtirata għax bilfors. Ili magħluqa d-dar minn Marzu tas-sena l-oħra minħabba l-Covid-19. Kelli offerti għal partijiet f'*teleserial* u fi produzzjoni teatrali imma kelli nirrifjutahom għax jiena vulnerabbli. M'hemmx x'tagħmel! Jagħmel il-Mulej; mhux hekk?

Nimla ħajti billi nitlob, insajjar, nikteb, nirrispondi l-messaġġi fuq il-*mobile* u naqra. Fl-aħħar nett, nixtieq nuri l-gratitudni tiegħi lejn dawk kollha li għenuni fil-karriera, speċjalment lir-raġel tiegħi, Chev Paul Naudi.



# Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun informattiva u/jew ta' interess ġenerali u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-*magazine* jkun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha. Jekk jogħġobkom ippruvaw żommu l-kitba qasira kemm jista' jkun.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna, sew fuq il-kontenut kif ukoll fuq dak li tixtiequ li taraw ġdid ġo fih.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna *email* fuq: **kna@onvol.net**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jeditja u jippubblika jew le kull kitba li tintbagħat.

# Nibżgħu għal saħħitna biex nassiguraw anzjanità attiva

**Kitba ta' Victor Cilia, anzjan f'Casa Antonia, Ħal Balzan**

Jien m'jiniex tabib però, avvanzat fl-età u, matul ħajti, ksibt ħafna esperjenza. Għaldaqstant, inħoss li xorta waħda nista' nagħti parir siewi dwar saħħitna. Aħna obbligati nibżgħu għall-saħħitna u m'għandna ebda jedd inpoġġu ħajjitna fil-periklu għax il-ħajja hija rigal t'Alla l-imbierek.



Dejjem bżajt għal saħħti għax nifhem li, fid-dinja, m'hawn xejn aqwa mis-saħħa. Forsi mhux kulħadd jaħsibha bħali imma, ngħid għalija, xbajt nisma' b'nies jgħixu bit-traskuraġni jew bi drawwiet ħżiena, bħall-użu tad-droga u t-tipjip. Wara kollox, huma jbatu l-konsegwenzi li jġibu fuqhom infushom b'għemilhom stess!

X'jiswew il-popolarità u l-ġid jekk, wara ħajja bla kontroll u ħtija tiegħek, taqbdek xi marda għall-għarrieda? Mhux biżżejjed imdawrin bi tniġġiż fl-arja? Aħna ma nafux kemm se ngħixu. Allura, għandna nagħmlu ħilitna kollha biex, iż-żmien li fadlilna, ngħadduh tajjeb kemm jista' jkun.

**Ngħożżu l-ħajja**
Sa miċ-ċokon, għandna nkunu konxji tal-ħarsien ta' saħħitna f'kull aspett tal-ħajja. Kif jgħidu l-esperti, dak li wieħed ma jirċevix meta jkun żgħir, ma jistax jagħtih meta jikber. Għaldaqstant, għandna nżommu 'l bogħod mill-vizzji u mid-drawwiet ħżiena. Nidraw niddixxiplinaw lilna nfusna f'kull ċirkustanza. Ma nibżgħux mis-sagrifiċji għax, fil-ħajja, mhux dejjem kollox ward u żahar. Dan għall-ġid tagħna nfusna u ta' kull min jiddependi minna.

Wieħed jifhem li, dari, iċ-ċirkostanzi mhux dejjem kienu favorevoli għalina. Ma kellniex l-opportunitajiet li hawn illum. Imma xorta waħda għandna nagħmlu dak kollu possibbli għal saħħitna. Dment li għadek tajjeb, qatt mhu tard biex ittejjeb is-sitwazzjoni, anki biex mill-mitluf tieħu li tista' ħalli, is-snin li fadallek tgħix, tgħaddihom b'mod aħjar.

**Il-vista tal-g**ħajnejn
Ejja nagħmlu esperiment flimkien. Nagħlqu għajnejna t-tnejn għal ħmistax-il sekonda u nimmaġinaw li, meta nerġgħu nifthuhom, il-vista t'għajnejna tmurilna u ma narawx ħlief dlam! Imbagħad, meta nbexxquhom, napprezzaw wieħed mill-isbaħ rigali li għandna; id-dawl t'għajnejna! Kapaċi niddistingwu l-kuluri! Ejjew napprezzaw dan id-don tal-għaġeb. L-għajnejn huma wisq prezzjużi. Mingħajrhom, il-ħajja kif nafuha tinbidel drastikament. Għalhekk, għandna nibżgħu għalihom b'kull mod.

M'għandniex noqogħdu f'xemx qawwija mingħajr nuċċali skur. Kemm nistgħu, nevitaw l-arja bit-trabijiet jew dħaħen. Ma nħallux ħafna żmien jgħaddi mingħajr ma mmorru għand speċjalista tal-għajnejn. Hu jinvistalek għajnejk u jgħidlek għandekx bżonn nuċċali, sew għal qrib kif ukoll għal bogħod.

Jekk għandek il-kataretti, tibżax mill-operazzjoni; eluf jagħmluha u, wara, iħossuhom ferm aħjar. L-għajnejn jistrieħu meta tħallihom jimirħu fit-tul waqt mixja għall-arja fil-kampanja. Barra minn dan, sentimenti ta' ferħ jew ta' niket faċli jqanqlu xi demgħa. Imma, ma jimpurtax għax l-esperti jgħidulna li d-dmugħ huwa l-aħjar qtar għal għajnejna.

**L-iġjene tal-ħalq**
Ħalqna nużawh kemm biex nieklu u anki biex nitkellmu. Kliemna għandu jkun dejjem meqjus, sinċier u rispettabbli lejn Alla u lejn il-proxxmu ħalli ngħixu kuntenti u fil-paċi, kemm magħna nfusna kif ukoll ma' dawk ta' madwarna. Għandna nixorbu ħafna ilma frisk kuljum. Inħarsu lilna nfusna mill-vizzju tal-alkoħol. Infittxu ikel b'inqas xaħmijiet, inqas zokkor u inqas melħ. Għandna nieklu biex ngħixu mhux ngħixu biex nieklu!

Nassiguraw li ħalqna nżommuh dejjem fi stat tajjeb, b'ħanek ħieles mill-mard u bi snien f'saħħithom. Niftakru li s-snien li għandna llum, iridu jservuna tul il-kumplament ta' ħajjitna. Jekk għandna l-inkwiet, ma jaqbilx nibqgħu kif aħna. Infittxu nirrimedjaw, avolja ħadd ma jieħu gost ipoġġi fuq is-siġġu tad-dentist.

Għall-grazzja t'Alla, bl-avvanzi kbar li saru fid-dentistrija, kull uġigħ u skomdu ta' dari tista' tgħid li llum m'għadhomx iżjed. Mela negħlbu l-biża' u nagħmlu kuraġġ. Noqogħdu fuq il-pariri tad-dentist. Min għandu xi snien jew dras neqsin, għandu jieħu parir u jikkonsidra d-dentatura għax biha jkun jista' jiekol b'mod normali bħal ħaddieħor tul ħajtu kollha. U, fuq kollox, ikun jista' jitbissem ukoll.

**Id-don tas-smigħ**
Livell baxx ta' smiegħ huwa l-aktar problema komuni

fostna l-anzjani. U dan bla ma nindunaw għax il-proċess ma jseħħx f'daqqa imma bil-mod il-mod u jżid aktar ma nikbru. Dawk li kienu jaħdmu f'postijiet storbjużi u ma kellhomx ilqugħ protettiv għal widnejhom għandhom iktar ċans li jbatu minn nuqqas ta' smigħ.

Għall-ewwel, tibda tisma' textix irqiq li għandek imnejn lanqas biss tagħti kasu. Aktar tard, tibda tisma' bħal daqq ta' qniepen fil-bogħod. Sadattant, kelma tkun trid tismagħha darbtejn biex tifhimha. Ir-radju u t-*television* tibda tgħollilhom is-*sound*. Għalik, dak ikun tajjeb imma, għal ħaddieħor, ikun jgħajjat wisq. Dawn huma sinjali li nkunu qed innaqqsu mis-smigħ.

Fortunatament, illum, ditti professjonali fil-qasam tal-elettronika ħolqu *hearing aids* daqs nitfa li jintlibsu fil-widna u bilkemm ikunu jidhru. Dan l-istrument jiġi wkoll regolat skont il-livell tas-smigħ tal-persuna. Trid tipprova biex tapprezza għax, meta tilbsu, mill-ewwel tinduna li l-kwalità tas-smiegħ tiegħek jinbidel għall-aħjar. Kważi b'mod maġiku, is-smigħ tiegħek isir ċar u pjaċevoli u tħossok aktar kunfidenti, għax tibda tisma' u tifhem il-kliem u l-ħsejjes kollha ta' madwarek. Ma jkollokx għalfejn tgħolli s-*sound* tat-*television* u ddejjaq il-ġirien. Bil-*hearing aid,* terġa' tibda tieħu gost titkellem man-nies, b'vuċi moderata. U l-oħrajn ma jbatux biex jitkellmu miegħek. Il-*hearing aid,* darba tidraha, tant issibha tajba li, matul il-jum, ma tkunx trid toqgħod mingħajrha. Tassew barka.

**Riġlejn felħana**

Tarbija tibda taqbad b'idejha, tiggranfa u tipprova tqum fuq riġlejha malli tagħlaq is-sitt xhur. Daqshekk ilna fuq riġlejna nġorru l-piż ta' ġisimna. Riġlejna rridu nibżgħu għalihom sewwa ħalli jservuna tajjeb u ma nitilfuhomx qabel nagħlqu għajnejna. Il-kiropodisti jgħidulna li m'għandniex nilbsu żraben issikkati jew bil-ponta għax dawn jgħakksu s-sieq u, bihom, ma nkunux nistgħu nimxu kif suppost.

Anki krakar li ma jkollhomx iċ-ċinga fuq wara mal-għarqub jistgħu jkunu ta' dannu. Ħafna jippreferu joqogħdu bil-karkur għax jgħidulek li issa drawh. Il-krakar u l-*flip-flops* jikkawżaw strapazz fir-riġlejn u, maż-żmien, aktarx ineffħu u jqabbżu l-vini tar-riġlejn. Napprezzaw dak li għandna u nibżgħu għalih. M'għandniex għalfejn nistennew sakemm nitilfuh l-oġġett biex napprezzawh. Ħadd ma jrid jilwi jew jikser xi sieq imbagħad ikollu jserraħ bil-bastun.

L-aħjar żraben huma dawk x'aktarx rotob, li jgħattu l-għarqub, b'takkuna baxxa u jinqaflu bil-lazzijiet, komdi waqt il-mixi fit-tul ħalli r-riġlejn ma jgħajjewx malajr. Noqogħdu attenti kif nimxu fuq art imxarrba jew imħarbta u kif nitilgħu u ninżlu taraġ; M'hemmx għalfejn għaġġla jew tferfix.

Il-mixi ta' kuljum jagħmel tajjeb għal ġisimna, anki biex inħossuna aktar f'sikkitna. Kull meta jkun hemm bżonn, xieraq inserrħu riġlejna mmattrin fuq sufan jew fuq is-sodda. Anki s-swaba' ta' saqajna għandna nħaddmu għax b'hekk ngħinu ċ-ċirkolazzjoni tad-demm. Għandna naqtgħu d-dwiefer ta' subgħajna ta' saqajna regolarment u naraw li ma nħallu ebda kallu, ċkejken kemm hu ċkejken, għax dlonk jibdlilna l-mod tal-mixi tagħna flimkien mal-bixra ta' wiċċna.

X'hemm isbaħ u iktar ta' sodisfazzjon milli tħossok kuntent bik innifsek; li tista' tiġġedded u tittanta tgħix iż-żgħożija tiegħek, avolja qed tikber fl-età? Imma, biex tasal għal dan, jeħtieġ li tqum fuq tiegħek u ma tħallix għal għada dak li tista' tagħmel illum. Jekk jirnexxielna, żgur li dan iż-żmien li qegħdin fih ma nħossuhx itaqqalna, anzi, pjuttost ikun żmien pjaċevoli u ta' attività moderata. Il-ħajja hija sabiħa u ta' min jgħixha. Hija rigal tal-Mulej. Mela, nagħmlu kuraġġ u ngħożżuha. Fil-bqija ta' ħajjitna, għandna nħossuna, kemm jista' jkun, f'sikkittna anki biex inservu ta' ispirazzjoni għall-oħrajn.

# Ġużeppi ta' Nina

## Poeżija ta' Anġelo Camilleri li joqgħod l-Ingilterra

Ġużeppi, raġel xwejjaħ, bilqiegħda qed jistrieħ
għad-dell, taħt il-bajtrija mal-ħajt baxx tas-sejjiegħ.
U, hemm, bil-pipa f'ħalqu, għall-kwiet iqatta' l-ħin
jaħseb kif malajr tgerrbu minn fuqu kollha s-snin.
Jiftakar, qisu lbieraħ, jiġri mingħajr waqfien
ġo għalqa fil-Bidnija ma' sħabu tfal ġirien.
Imbagħad, meta sar ġuvni, raġel tassew sabiħ
serqitlu qalbu Nina bint Ċikku tal-Musbieħ.

Kemm hena ħass ġo qalbu xħin wasal jum it-tieġ
li sar f'kappella ċkejkna maġenb Wied it-Tiġieġ.
U, wara, flimkien marru fid-dwejra tan-nanniet
li kellhom f'tarf ir-raħal ħdejn l-għajn tal-ilmijiet
Fejn hemm, ġol-għorfa, Nina welldet erbat itfal
li, meta kibru sewwa, ilkoll ħallew id-dar.
Jiddallam wiċċ Ġużeppi u jidher ferm muġugħ.
Għal mewt ta' Nina tiegħu, għajnejh jimtlew bid-dmugħ.

U, hemm, maġenb id-dwejra li kienet tan-nanniet,
Ġużeppi baqa' waħdu mitluf fit-tifkiriet.

# Ramiro Mallia

**Li miet traġikament ta' dsatax-il sena bil-gass waqt l-irqad. Fi tfulitu, kellu lewkemija imma fieq minnha. Kien filantropu u ħadem ħafna għal *Puttinu Cares*.**

Skont niesek, int minn tagħna, tiġi minna;
ġejt tittawlilna għal ftit; jien ma nafikx,
'mma jafek demm il-għaqda tal-familja
Qormija li taf tħobb mingħajr ma tinki.
Ġarrejt id-dawl kull fejn terraqt u tajtu
lil min, miskin, ma xeba' qatt jew ħela.
Talbu għalik; tassew, ma domtx iżżurna
fuq din il-gżira li ħarsitek dejjem
minn ħalq il-lupu, jiġri, jaħtaf, jibla'.
Leħen l-imħabba ġabek hawn u telaq
u reġa' ġie biex jiġbrok lura miegħu
fl-oasi mbiegħed fejn m'hemmx ġenn u dmija,
fejn m'hemmx mibegħda imma biss dawl sieket
li jħares lil min jgħix għal ġid ħaddieħor.
Ħajtek tislima rżina, għanja, ferħa
li mhix ser tmut għax ġiet mid-dawl u d-dija.
Tlifnik, ġejt darba, tlaqt u ma terġax.



**Karmenu Mallia** f'jum id-Duluri, nhar is-26 ta' Marzu 2021, mill-Isptar Mater Dei

# The auction

## A short story by Liz Bajada



I had known Margaret since my school days. She was bright, cheerful and always very friendly. Therefore, it was no surprise to receive her wedding invitation shortly after we had both taken different career paths.

Margaret and Kevin's wedding was, indeed, a memorable one. They had already decided to immigrate to Australia and start a new life away from England. Mrs Margaret Wilson, as she now loved to call herself, kept me posted with all the goings on. After a while, she gave me the wonderful news that she was expecting a child. Needless to say, I was very glad for her since her dream, like that of many other women, was to have a family of her own.

From photos she kept constantly sending me, I could see that baby Andrew was destined to be a handsome young man. Life went on for the couple and their son. However, after some time, the letters suddenly stopped. I wrote several times and no reply was received until, one day, Kevin phoned to tell me that Margaret had been taken ill and was being hospitalised. This was quite a shock for me and I could not find any comforting words to say except that she will definitely be in my prayers. Time passed and still no more news came, until I saw her name in the obituaries. Kevin and Andrew had been left on their own.

In Australia, Kevin had worked solid and had done very well for himself and his family. However, without the support of his beloved wife, he felt lost and quite alone even though Andrew was, by now, a fine young lad of seventeen. Shortly before the first anniversary of his wife's demise, Kevin wrote to say that he intended to sell all his assets in Australia, and return to England. Kevin and Andrew set up their home in Yorkshire. The two seemed to have settled nicely until, one fine day, Kevin phoned to say that Andrew was going to join the British Army. Kevin was seeking my help to talk Andrew out of this idea. During that time, British troops were being sent to Afghanistan to help in the war against terrorism. Sad news was constantly reaching England regarding the hardships British soldiers had to endure in their struggles against the Taliban. I promised to do what I could but Andrew was adamant and he was determined to go through with his plan.

The day of Andrew's departure arrived and he left his home, his father, his friends and an easy life. Months passed without my getting any news from either Kevin or Andrew. I often thought of Margaret and wondered whether all this would have happened had she still been around.

One Sunday morning, I settled down in my favourite armchair to read the paper as usual. To my surprise, I read that there was to be an auction in Kevin's house as the owner had passed away and all his possessions were to be put under the hammer. Why

was Andrew selling everything? Had he come back from wherever he had been posted? Was he returning to Australia to start a new life there? I couldn't understand. I made a note of the date, time and venue of the auction as I had made up my mind to attend. Even though I had no intention of bidding for anything, I still felt that I should be there; at least, for Margaret's sake.

On the appointed day, I made my way to the house and entered a lovely building through a front garden which, I noticed, was overgrown with grass and weeds. The hall led to a wide staircase with a mahogany banister. A huge crystal chandelier lighted the lower floor, various paintings hung on the walls while beautiful, antique furniture stood against the walls; all waiting to be auctioned off. At the top of the stairs, ran a wide corridor leading to a spacious hall which, by then, was already jam-packed with all sorts of expectant bidders. I took a good look at all the people sitting there hoping to see Andrew whom I had never actually met but who, I felt certain, I could easily recognise from the several photos I had received from time to time. As I could not make him out, I decided to focus on the auctioneer who walked briskly into the room and took his place on the podium.

His booming voice immediately filled the room. The first item up for auction was a portrait of Captain Andrew Wilson, painted by his friend, Stuart Mulligan, when the two had been in Afghanistan. This picture had been brought over to the deceased, Mr Kevin Wilson, by Stuart Mulligan himself after his friend Andrew was killed in Afghanistan. I could not believe my ears. Andrew must have died in action. I went numb as a cold shiver ran down my spine. The next thing I heard was the auctioneer saying, "Who will give me ten pounds?"

Complete silence!

"Do I hear five pounds?"

But still no one raised a finger!

My heart ached. I thought of Margaret. She would certainly have expected me to, at least, make a bid for it. I raised my hand and, once again, the auctioneer's voice was heard saying, "Any more bids?" Silence! "The portrait is sold to the lady at the back! The auction is over!"

At this unexpected piece of news, everyone started wondering and enquiring why the other items were not being auctioned as well. In a clear but firm voice, the auctioneer informed the audience that the express wish of the late Mr Kevin Wilson was that, whoever bought his son's portrait, was to become the owner of all his other possessions.

After a while of complete and utter shock mixed with surprise, it finally dawned on me that I had just become the owner of a lot of wealth. Everything I had seen since I entered that house had become mine. I had inherited the lot! At that moment, I couldn't help pondering about the analogy of the way God gave us His only Son and, when we accept Him, we inherit all of God's kingdom!

# It-Terremot li jheżżeż l-Art u l-Fidi

**jikteb Fr Charles Buttigieg**

Żgur li bqajna impressjonati b'dawk ix-xeni ta' ħerba u distruzzjoni tal-belt ta' Amatrice fit-terremot qawwi li kien laqat l-Italja ċentrali fil-jum ta' San Bartilmew fl-24 ta' Awwissu 2016. Xeni ta' biki, disperazzjoni u ta' mewt. Imma rajna wkoll li, minkejja d-diżastru li seħħ, il-bniedem jibqa' jittama u huwa mogħni bir-rieda li jfittex għall-ħajja. Xeni ta' ferħ u applawsi rajna wkoll meta bdew jinstabu persuni, fosthom tfal, jinħarġu ħajjin wara li kien ilhom sigħat twal taħt it-tifrik jistennew huma wkoll lil xi ħadd jismagħhom u jagħtihom il-ħajja mill-ġdid. Bnedmin li jieħdu tassew il-ħajja mill-ġdid għax jgħidu li m'aħniex ser nibqgħu fit-trawma li jħalluna midfunin għal dejjem.

Filwaqt li naraw il-qawwa tal-elementi tal-art, minn naħa l-oħra, naraw il-qawwa tas-solidarjetà u tal-għajnuna umana. Żgur, però, li f'dawn il-postijiet minbarra li jitheżżu l-pedamenti tal-art, jitheżżu wkoll il-pedamenti tal-fidi fejn il-bniedem jibda jistaqsi ħafna mistoqsijiet. Mhux lakemm issib tweġiba faċli quddiem dawn is-sitwazzjonijiet apokalittiċi. L-unika tama hija li trid tkompli tgħix biex, mill-mewt, terġa' tinbet il-ħajja. U, għalhekk, dan huwa l-misteru ta' Alla li jagħti l-ħajja mill-ġdid lil tant qlub li messew b'idejhom il-mewt daqshekk qrib tagħhom u li tilfu persuni qrib tagħhom. Ma ssolvi xejn jekk tiddispra. Fuq kollox, din hija t-tama li ġabilna Kristu bir-rebħa tiegħu fuq il-mewt.

Ilkoll nafu li l-istorja tad-dinja kienet immarkata minn tant traġedji ta' terremoti. Minkejja dan, il-ħajja ma waqfitx; id-dinja baqgħet iddur u l-bliet milquta reġgħu inbnew mill-ġdid. Ser insemmi hawnhekk xi terremoti tal-passat. L-ikbar terremot fl-istorja kien dak ta' Shaanxi u Santon fiċ-ċentru taċ-Ċina li seħħ fl-1556 u kien ta' qawwa tmienja fuq l-iskala *Richter*. Kienu mietu madwar 830,000 ruħ. Fl-1755, f'terremot kbir ta' qawwa 8.7 ġewwa Lisbona fil-Portugall kienu mietu mat-tmenin elf ruħ. Dak ta' Messina fl-1908 kien ta' qawwa 7.2 u fih kienu mietu mal-200,000 ruħ. Fl-2004, it-terremot kbir ġewwa s-Sumatra fl-oċejan Indjan kien kejjel 9.2 u bih kienu mietu mat-300,000 ruħ. F'dak ta' Haiti fl-2010 kienu mietu 316,000 ruħ.

Quddiem dawn it-traġedji ta' terremoti fid-dinja, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti, anki f'pajjiżna, għandu jkollhom pjan imħejji ta' prevenzjoni u protezzjoni, aħna, spiritwalment, bħala individwi għandna dejjem inkunu ankrati sewwa fil-fidi f'Alla ħalli l-mewġ ikkawżat mit-terremoti mhux ikisser il-blat tal-fidi tagħna imma, pjuttost, tkun il-blata tal-konvinzjoni tal-fidi tagħna li tkisser dan il-mewġ!

# Is-sena 2021 hija s-sena tat-tenuri

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Nimmaġina li ħafna mill-qarrejja jistaqsu, għaliex is-sena 2021 hija s-sena tat-tenuri? Din ma qrajtha mkien; xejn uffiċjali! Għandkom raġun imma kien il-ħsieb tiegħi li npoġġi dan it-titlu għal din il-kitba għax, din is-sena, 2021, erba' tenuri kbar għandhom l-anniversarju tagħhom marbut mal-mitt sena. Dawn huma Enrico Caruso, Mario Lanza, Franco Corelli u Giuseppe Di Stefano. Enrico Caruso miet mitt sena ilu filwaqt li t-tliet tenuri l-oħrajn twieldu mitt sena ilu. Kollox marbut mas-sena 2021. Għalhekk sejjaħtilha s-sena tat-tenuri.

**Enrico Caruso**



Kienet ommu li ħeġġitu bis-sħiħ biex jistudja l-vuċi. Ommu mietet meta Enrico kien għad kellu biss ħmistax-il sena u, biex jgħin xi ftit lill-familja, beda jkanta fit-toroq ta' Napli, f'kafetteriji u f'postijiet oħrajn tad-divertiment.

Għamel l-ewwel dehra operistika tiegħu fit-Teatru, Nuova ta' Napli. Kellu tnejn u għoxrin sena. (Mur ġib 'l ommu dakinhar, jaħasra!). Kanta l-opra, L'Amico Francesco tal-kompożitur dilettant Mario Morelli. Wara din id-dehra, Caruso beda jiġi msejjaħ minn teatri provinċjali oħrajn. Hawnhekk, iltaqa' mal-ewwel għalliem tiegħu, Guglielmo Vergine. Huwa kien kollega ta' kantanti oħrajn kbar, fosthom il-Baritoni Antonio Scotti u Pasquale Amato li, magħhom, Caruso qasam ukoll ħafna mit-trijonfi tiegħu fil-Metropolitan ta' New York.

Jiena nemmen bis-sħiħ li t-Taljani taw xi wħud mill-aqwa (jekk mhux l-aqwa) tenuri fid-dinja. Imma, fl-opinjoni tiegħi, fuqhom kollha hemm il-leġġendarju tenur Naplitan, Enrico Caruso. Enrico Caruso kien l-ewwel kantant operistiku mondjali. Kien huwa li ispira lit-tenuri kollha li ġew warajh. Interpreta erbgħa u sebgħin karattru operistiku differenti mir-repertorju Taljan u Franċiż. Il-vuċi tiegħu kienet tadatta ruħha kemm għal tenur ta' ħlewwa kif ukoll għal tenur drammatiku. Kien Caruso li, bejn l-1902 u l-1920, beda l-ewwel recordings fuq id-diski. Għamel mitejn u sittin *recording* li ġabulu fama internazzjonali u għamluh popolari immens. Ir-*recordings* tiegħu għadhom imfittxija minn kantanti operistiċi sal-lum stess tant li anki saru fuq *CDs* u fuq sistemi diġitali oħrajn.

Il-kbir Enrico Caruso miet ta' tmienja u erbgħin sena fil-Lukanda Vesuvio ġewwa Napli fit-2 t'Awwissu tal-1921.

**Mario Lanza**



Niftakar sew li, fost stħarriġ li sar ftit tas-snin ilu mill-*BBC* dwar liema tenur kien l-aktar popolari, fuq quddiem nett, kien hemm Mario Lanza. Jien tmeżmiżt naqra għax ħsibt li, fuq quddiem, kellu jkun xi ħadd bħal, ngħidu aħna, Luciano Pavarotti. Imma mhux hekk kien; f'dik li hija popolarità, fuq quddiem nett, ġie Mario Lanza; tenur ribelluż, iebes u ambizzjuż imma b'vuċi unika. Mario Lanza kibritlu rasu minħabba s-suċċess kbir li kellu fil-karriera tal-films. L-ikel żejjed u l-alkoħol kellhom effetti serji fuq saħħtu. Ir-relazzjonijiet tiegħu mad-diretturi, produtturi u anki ma' membri tal-*cast* tal-*films* saru insapportabbli. Miet fl-1959 meta kien għad kellu biss tmienja u tletin sena.

L-isem proprju ta' Mario Lanza kien Alfred Cocozza. Kien tenur Amerikan ta' dixxendenza Taljana. Twieled fil-31 ta' Jannar tal-1921. Kien ukoll attur ta' Hollywood komplut b'kant sabiħ u l-akbar suċċessi tiegħu kisibhom fis-snin erbgħin u ħamsin.

L-ewwel dehra tiegħu kienet fl-1949 ġo film tal-Metro Goldwyn Mayer jismu, *That Midnight Kiss*. Sena wara, kellu, *The Toast of New Orleans*, bil-famuża kanzunetta *Be My Lov*e li kellha bejgħ ta' aktar minn miljun kopja. Wara, fl-1951, deher b'suċċess fil-parti ta' Enrico Caruso, li kien l-idolu tiegħu, fil-film, *The Great Caruso*.

Mario Lanza ħadem seba' films. Minbarra t-tlieta li diġà semmejna, ħadem ukoll, *Because You're Mine*, *Serenade*, (li fih ħa sehem ukoll l-attur Malti Joseph Calleja), *Seven Hills of Rome* u *For the First Time*. Ngħid ukoll li, għall-film mill-isbaħ, *The Student Prince*, Mario Lanza rrekordja biss il-kanzunetti tiegħu imma fil-film jidher attur ieħor, mhux hu.

Fl-aħħar snin ta' ħajtu, Mario Lanza ried jirritorna għall-opra għax hemm kienet l-imħabba vera tiegħu. Infatti, għall-istaġun operistiku 1960-61, Mario Lanza kellu f'moħħu l-parti ta' Canio fl-Opra, *I Pagliacci* ta' Ruġġero Leoncavallo fit-teatru tal-Opra ta' Ruma.

Ħabib tiegħi minn Ħaż-Żebbuġ, Philip Bugeja, li huwa dilettant kbir tal-films, bagħatli kwotazzjoni interessanti minn artiklu li deher fil-*magazine* tal-*films*, *Picturegoer* tas-26 ta' Mejju, 1956, bit-titlu, *The Man Who Looks Like Lanza*. Dan l-artiklu, wissa lil Mario Lanza li kellu kompetitur; it-tenur Malti Oreste Kirkop. B'referenza għal Oreste Kirkop, l-artikolista, Ernie Player, żiedet

tgħid: *Hollywood finds another Lanza*.

**Fanco Corelli**



Għadni niftakar lit-tenur Paul Asciak f'intervista jgħidli dwar il-vuċi sabiħa tat-tenur Franco Corelli li kien jafu sewwa. Fil-fatt, Paul Asciak kien ħa sehem f'konkors tal-vuċijiet fi Spoleto li fih Franco Corelli kien ġie l-ewwel u Paul Asciak kien ġie t-tielet. Franco Corelli twieled fit-8 t'April, 1921 u miet f'Ottubru tas-sena 2003 meta kellu tnejn u tmenin sena. Miet Milan wara puplesija qawwija u difnuh fiċ-*Cimitero Monumentale*; ċimiterju magħruf għall-oqbra sbieħ u monumentali tiegħu.

Corelli huwa tenur Taljan ta' fama internazzjonali, l-aktar bejn l-1951 u l-1976. Ibbrilla f'karattri drammatiċi u, l-aktar, fir-repertorju Taljan. Kellu vuċi qawwija, b'noti akuti sbieħ u intonati. Il-kant tiegħu kien mimli passjoni u baqa' magħruf bħala l-prinċep tat-tenuri.

Franco Corelli kellu persuna sabiħa u kien karismatiku ħafna fuq il-palk. Mhux ta' b'xejn li l-udjenza kienet tħobbu. Bejn l-1961 u l-1975, kanta fil-*Metropolitan Opera* ta' New York. Naturalment, deher ukoll fl-aqwa teatri tal-opra kemm fl-Ewropa kif ukoll fl-Amerika. Kanta ma' kantanti kbar ta' żmienu. Tiegħu, fost oħrajn, għandi l-opra, *Andrea Chenier* ta' Umberto Giordano u din il-verżjoni ta' Corelli ma nibdilha ma' xejn. Ta' importanza fil-qasam tar-*recordings*, hemm ukoll in-*Norma*, ta' Bellini; li Franco Corelli kanta flimkien ma' Maria Callas fl-1960; l-aqwa *Norma* ta' kull żmien.

L-aħħar *recording* tiegħu fil-qasam operistiku kien dak li sar għall-opra, *Carmen*, tal-kompożitur Franċiż, Georges Bizet. Din kienet saret fl-1970 u, flimkien ma' Corelli, fost oħrajn, kien hemm ukoll Anna Moffo, Helen Donath u Piero Cappuccilli. Il-kor u l-orkestra tal-opra ta' Berlin kienu taħt id-direzzjoni ta' Lorin Maazel. Din l-istess opra, Corelli kien diġà rrekordjaha darb'oħra, xi seba' snin qabel, ma' Leontyne Price, Mirella Freni u Robert Merill, taħt id-direzzjoni ta' Herbert von Karajan.

Corelli kien wieħed minn dawk li jew tħobbu jew ma tħobbux. Fil-fatt, kien hemm kritiċi li tassew sawtuh u oħrajn li għollewh mas-sema. Wara li rtira mill-palk, Franco Corelli sar famuż bħala għalliem tal-vuċi fi New York. Bejn l-1980 u l-1981, Corelli għamel xi kunċerti imma mingħajr suċċess: kienet il-fama tiegħu biss li ġabritu.

**Giuseppe Di Stefano**

Giusseppe Di Stefano twieled fl-24 ta' Lulju tas-sena 1921 ġewwa villaġġ viċin Catania, fi Sqallija. Ta' sitt snin, il-familja tiegħu telgħet Milan u l-edukazzjoni tiegħu ħadha fis-seminarju tal-Ġiżwiti. Fil-fatt, kien hemm żmien meta Giuseppe kellu x-xewqa li jsir qassis. Ta' sittax-il sena, beda jkanta l-kanzunetti sbieħ Taljani, l-aktar meta kien jirbaħ xi logħba karti. Kien proprju hawn li ħabib tiegħu ħajru jibda jistudja l-vuċi u, minn hemm 'il quddiem, tafu daqsi fejn wasal dan it-tenur Sqalli ta' fama kbira.



Magħruf bħala, Pippo mas-segwaċi u l-ħbieb tiegħu, Di Stefano huwa t-tenur b'vuċi tad-deheb; it-tenur B'vuċi mill-isbaħ, suċċessur denju ta' Beniamino Gigli. Luciano Pavarotti kemm-il darba stqarr li, bħala mudell, dejjem kellu f'moħħu lil Giuseppe Di Stefano u kien isejjaħlu t-tenur 'bvuċi solari, vuċi inkredibbli miftuħa u naturali. Di Stefano ispira b'mod qawwi ħafna wkoll lit-tenur Josè Carreras.

Jiena għandi ammirazzjoni kbira lejn Giuseppe Di Stefano, kemm bħala kantant operistiku li kien jaf jadatta ruħu għal kull karattru li kien jinterpreta, kif ukoll għax kien hu li, fil-Belt ta' Verona, introduċa lis-soprano famuża Maria Callas. M'hemmx għalfejn ngħidu li Maria Callas baqgħet tafulu lil Di Stefano u miegħu għamlet l-aqwa *recordings* tagħha. Baqgħet tkanta spalla ma' spalla miegħu tul il-karriera kollha tagħha. Magħha għamel recording ta' għaxar opri li huma ġawhra fil-qasam operistiku. Beda fl-1953 *b'Lucia di Lammermoor* u spiċċa fl-1957 bil-*Manon Lescaut*; kollha fuq it-tikketta EMI.

Giuseppe Di Stefano miet f'Marzu tas-sena 2008, riżultat ta' attakk minn xi ħadd mhux magħruf waqt li kien barra mill-Italja. Kellu sitta u tmenin sena.

**Nota tal-aħħar**

Il-ħabib tiegħi, Emanuel Garzia minn Ħal Tarxien, li wkoll huwa dilettant kbir tal-opri, għadu kemm għarrafni li, flimkien ma' dawn, hemm żewġ tenuri oħrajn li twieldu mitt sena ilu. Dawn huma Gianni Poggi u Luigi Infantino.

It-tenur **Gianni Poggi** twieled fl-4 t'Ottubru 1921 u miet fis-16 ta' Diċembru 1989 meta kellu tmienja u sittin sena. Gianni Poggi kien ġie Malta u kien anki kanta fit-Teatru Manoel.

It-tenur l-ieħor, **Luigi Infantino**, minn naħa l-oħra, twieled fl-24 t'April tal-1921 u miet ta' sebgħin sena fit-22 ta' Ġunju tal-1991.

# L-istorja tal-Mediċina

**Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino**



**Wilhelm Konrad Röntgen**

Wilhelm Konrad Röntgen, fiżiċista Tedesk, twieled f'lennep fis-17 ta' Marzu 1845. Irċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Olanda mbagħad, wara, mar jistudja ġo Zürich.

Fl-1875, kien maħtur professur tal-matematika u l-fiżika fl-Akkademja Agrikola ta' Hohenheim u, fl-1876, irritorna fi Strasbourg bħala professur straordinarju. Fl-1879, intgħażel bħala professur tal-fiżika u direttur tal-Istitut Fiżiku ta' Giessen u, fl-1885, mar Würzburg fl-istess kariga.

Kien hawnhekk fl-1895 li Röntgen għamel l-iskoperta kbira li għaliha baqa' magħruf, jiġifieri, l-*X-Rays*. Kien, appuntu, minħabba l-inċertezza dwar in-natura ta' dawn ir-raġġi li huwa semmihom *X-Rays*.

Għas-sejba tiegħu, Wilhelm Konrad Röntgen irċieva l-midalja Rumford tas-Soċjetà Rjali fl-1896, flimkien ma' Philip Lenard, filwaqt li, fl-1901, huwa rċieva wkoll il-Premju Nobel għall-Fiżika.

Röntgen miet fi Munich fl-10 ta' Frar tal-1923 fl-età ta' 78 sena.



**Walter Reed**

Walter Reed, batterjoloġista Amerikan, twieled fi Gloucester County, Virginia, fit-13 ta' Settembru tal-1851. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-Università ta' Virginia stess kif ukoll fil-*Bellevue Medical School* u ħa l-M.D. fl-1870.

Fl-1874, daħal fl-armata Amerikana bħala assistent kirurgu bir-rank ta' logutenent. Fl-1893, ġie promoss għall-kirurgu bir-rank ta' maġġur u sar professur tal-batterjoloġija fl-*Army Medical School*.

Fl-1897, Dr Reed wera li t-teorija ta' Sanerelli, jiġifieri, li l-*yellow fever* kienet ikkawżata mill-baċillu *icteroides* kienet żbaljata.

Fl-1898, meta bdiet il-gwerra bejn l-Ispanjoli u l-Amerikani, Dr Reed ġie maħtur Chairman ta' kummissjoni biex tinvestiga l-kawża tat-tefojde, epidemija li xterdet fost is-suldati. Ir-rapport tiegħu bl-isem ta' *Report on the Origin and Spread of Typhoid Fever in U.S. Military Camps* li, inċidentalment, kien ippubblikat wara mewtu fl-1904, kixef numru ta' affarijiet dwar il-marda li ma kinux magħrufin qabel u emfasizza oħrajn li ma tantx kienu apprezzati.

Fl-1899, meta l-*yellow fever* kienet fl-aqwa tagħha f'Kuba, Dr Reed reġa' ġie maħtur Chairman ta' kummissjoni, din id-darba, biex tinvestiga l-kawża ta' din il-marda. Ladarba l-*yellow fever* ma tittiħedx mill-annimali, ma kien hemm ebda mezz ieħor biex isiru jafu aktar dwarha ħlief b'esperimenti fuq il-bnedmin. Infatti, fl-esperimenti li saru, xi wħud mill-kollegi ta' Reed, saħansitra, kellhom jissagrifikaw ħajjithom stess sakemm, fl-aħħar, Dr Reed irnexxielu jipperswadi lid-dinja xettika li l-parassita tal-*yellow fever* tinġarr biss minn nemusa *Stegomyia Fasciata*. Permezz ta' dan it-tagħrif, l-inġiniera sanitarji Amerikani malajr qerdu l-marda minn Kuba u, minn dak iż-żmien 'l hawn, il-*yellow fever* sparixxiet ukoll mill-partijiet ċivilizzati kollha tad-dinja.



Dr Walter Reed miet f'Washington D.C. fit-23 ta' Novembru 1902 meta kellu biss wieħed u ħamsin sena.

**Paul Ehrlich**

Paul Ehrlich, batterjoloġista Tedesk, twieled fl-1854 fi Strehlen fis-Silesia minn ġenituri Lhud. Kien jagħmel ħafna xogħol ta' riċerka imma, fl-1886, marad bit-tuberkolożi u waqaf mix-xogħol għal sena u nofs. Imbagħad, mar lura Berlin u ħadem għal żmien f'laboratorju privat żgħir u, wara, iddobba post fl-istitut għall-mard li jittieħed fejn baqa' għal diversi snin.

Suġġett li kien għal qalb ħafna ta' Paul Ehrlich kien l-immunità mill-mard u dan wassal għas-sejba famuża tiegħu inkonnessjoni mal-mard venerju. Infatti, fl-1910, tħabbar li Ehrlich irnexxielu jipprepara taħlita ta' arseniku u affarijiet oħrajn (magħrufa bħala Salvarsan 606) li kienet isservi għall-kura tas-sifillis. L-isem 606 ġie mogħti għax dik kienet, appuntu, s-sitt mija u sitt

taħlita li Paul Ehrlich kien ipprova.

Paul Ehrlich qasam il-Premju Nobel għall-Mediċina ma' Ilya Mechnikov fl-1908. Huwa miet fl-1915.



**Sir David Bruce u Sir Temi Zammit**

David Bruce twieled f'Melbourne, l-Awstralja, fl-1855 u ggradwa mill-Università ta' Edinburgh fl-1881. Daħal fl-armata bħala kirurgu u serva f'Malta fejn, fl-1887, skopra li l-organiżmu *Micrococcus Meliitensis* kien responsabbli għall-marda tad-deni rqiq jew, kif baqgħet imsemmija għalih, il-Brucellosis.

Temi Zammit, twieled il-Belt Valletta fit-30 ta' Settembru tal-1864. Dan il-kompatrijott Malti kien ħafna xorti. Infatti, minbarra li kien tabib brillanti, Temi Zammit kien ukoll arkeoloġista, storiku, professur tal-kimika, riċerkatur u kittieb. Serva bħala Rettur tal-Università ta' Malta bejn l-1920 u l-1926 u kien ukoll l-ewwel Direttur tal-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija. Imma, l-interess tagħna f'dan il-bniedem kbir f'din ir-rubrika huwa minħabba l-fatt li Temi Zammit kompla fejn ħalla David Bruce fuq id-deni rqiq.



Fil-fatt, din il-marda, minbarra deni rqiq, hija magħrufa wkoll b'ħafna ismijiet oħrajn bħal *undulant fever*, *Mediterranean fever*, *Malta fever*, *Gibralter fever*, *Bang's disease* u *goat fever*. Imma, il-mod li bih kien qed jieħu l-marda l-bniedem, baqa' misteru sakemm, fl-1905, Temi Zammit, skopra li l-organiżmu Brucella jipproduċi wkoll il-marda fil-mogħoż u li l-bniedem kien qed jieħu din il-marda mill-ħalib nej; mhux pasturizzat. Kemm David Bruce kif ukoll Temi Zammit ingħataw it-titlu ta' Sir għal dawn l-iskoperti tagħhom li huma tant ta' fejda għall-bniedem.

Sir David Bruce miet fl-1931 filwaqt li Sir Temi Zammit miet fit-2 ta' Novembru 1935 fl-età ta' wieħed u sebgħin sena.

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sur Paul Debono (Naxxar) - €10.00
Is-Sur u s-Sinjura Bellizzi ( Mosta) - €10.00
Is-Sinjorina Catherine Said (Valletta) - €20.00
Is-Sinjura Lily Dimech (Valletta) - €10.00
Is-Sinjura Rose Depares (Valletta) - €10.00

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.

Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.

Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
**tal-Prof. Oliver Friggieri**




# Mela hekk jitwieldu t-trabi

Ftakart meta, lil ommi, kont nistaqsiha minn fejn jiġu t-trabi u hi kienet tgħidli li jaslu minn fuq il-vapuri, minn fuq dawk li kienu jidħlu u jimlew il-Port il-Kbir u li, minn fuqhom, kienu jinżlu ħafna baħrin lebsin l-abjad, b'beritta, b'arma fuq sidirhom, b'qalziet wiesa' ħafna, b'żarbun kbir u bi qfieli twal. Konna narawhom neżlin minn fuq il-bastimenti, telgħin it-Telgħa tal-Kurċifiss u deħlin il-Furjana, qishom f'purċissjoni. Kienu jitqassmu fi gruppi żgħar u aħna konna niġru lejhom, inżanżnu xi kelma mill-Ingliż li konna nitgħallmu l-iskola u huma kienu jkellmuna bi tbissima u mhux dejjem konna nifhmuhom sewwa. "Imma kif qatt ma kien ikollhom trabi?" konna nistaqsu għalxejn.

Ommi baqgħet titniehed, imbagħad siktet u ndunajt li kienet se torqod. Tfejt il-linfa u ħriġt mill-kamra. Missieri kien għadu jippassiġġa u jpejjep fit-tarf l-ieħor tad-dar, jistenna. Ftit wara, ħabbat il-bieb u kont se ninżel niftaħ. "Le, le, ħa ninżel jien," waqqafni ħesrem.

Sa dal-ħin, Herbert u Violet kienu stenbħu. "X'ġara?" qaluli, ferħanin li ommi ma qajmithomx għall-iskola.

"Il-mamá kellha tarbija..."

"Tarbija?" werżqu bil-ferħ, waqt li qamu bilwieqfa fuq is-sodda.

"Tgħajtux, xxx," waqqafthom waqt li tellajt idi quddiem ħalqi. "Imma t-tarbija mietet," komplejt. Ħuti bdew jibku u jien wegħedthom li, imbagħad, ngħidilhom kollox.

"Mietet fuq il-vapur?" staqsewni.

"Imbagħad ngħidilkom kollox. Isktu għax ġie xi ħadd!"

**Il-magħmudija tat-tabib**

Ħuti reġgħu mteddew fis-sodda, imbeżżgħin u mbikkija. F'daqqa waħda, ħassejt li, billi missieri ma qallix kelma, kien induna li jien bdejt nifhem u stajt nidħol fid-dinja tal-kbar. Issa kont ili mhux ħażin li bdejt nilbes il-qalziet twil, is-sinjal tal-bidu tal-irġulija. Ħriġt ħdejn it-taraġ biex nara min ġie.

"Għaddi, għaddi, Dun Anton," missieri stieden lill-Arċipriet. "Itla', jekk jogħġbok. Il-mara qiegħda fil-kamra ta' ġewwa nett. Ibqa' dieħel." Mexa wara Dun Anton u jien imxejt warajh. Imbagħad, ġrejt ftit qabilhom u dħalt fil-kamra t'ommi u xgħelt il-linfa. Missieri reġa' ma qal xejn u ħassejt rasi mistrieħa minnu. Hin minnhom, ressaqni lura kemm kemm u Dun Anton mexa lejn ommi u għafsilha idha. Xi ħaġa kienet turi li Dun Anton ma kienx għadu ntebaħ x'ġara. Kellu fuq wiċċu t-tbissima tas-soltu ta' raġel twajjeb, ta' ftit kliem.

"It-tarbija mejta, Dun Anton," indaħal missieri. Dun Anton iċċassa, ġibed idu lura u dar lejna, li konna warajh, qrib it-tavolina.

"Hemm hi, Arċipriet," qaltlu ommi u hu resaq lejn it-tavolina u radd is-Salib u beda jitlob. Il-ħin kien twil u ma kien jinstema' xejn ħlief l-ilfiq tagħha. "Għammidha t-tabib malli twieldet," qaltlu.

"It-tabib għammidha," tenna missieri, "malli nduna li kienet se tmut."

L-Arċipriet deher mifxul. Raġel twajjeb bħalu ma ried iweġġa' qalb ħadd f'ħin bħal dak. Dun Anton Debono kien qassis mill-aħjar, ta' ftit kliem u jġiblek sudizzjoni, mistħi u serju, bi tbissima ħafifa.

"Ma kontx naf li t-tobba jgħammdu t-trabi wkoll" għedt bejni u bejn ruħi. Kienet ġurnata differenti tassew għalija, mimlija sorpriżi, interessanti u tal-biża' wkoll. F'xi waqtiet, ħassejt l-art titheżżeż taħti. Dan kollu kien tant differenti mid-dinja tal-iskola.

Ommi u missieri raw it-tħassib fuq il-wiċċ tal-qassis. "Serraħ rasek, Arċipriet," reġa' missieri. "Għammidha u għammidha tajjeb. Hawn jien u marti xhieda."

It-tabib Cesareo kien bniedem li l-Arċipriet kien jafu sewwa. Bosta trabi, bl-għajnuna tal-qabla (jew, kif kienet magħrufa wkoll, il-majjistra) mill-Furjana wkoll, kienu raw l-ewwel dawl taħt idejh. L-ispiżerija tiegħu, Taħt il-Loġoġ fi Triq Sant' Anna, kienet it-tieni dar tal-ommijiet u tal-missirijiet, minn daqsxejn ta' wġigħ ta' ras sa agunija.

Dun Anton baqa' wieqaf dritt, iħares fil-vojt. Minn barra, kien jidher qiegħed jistenna imma hu kien ktieb miftuħ. Miet fl-1959, meta kelli tnax-il sena u niftakru tajjeb ħafna. Niftakru sewwa f'din l-okkażjoni. Nifhem li ma kienx konvint li kollox kien sar skont ir-riti tal-Knisja. Kien hemm il-kwistjoni tal-funeral, tad-difna f'art imbierka u x'kienu se jgħidu n-nies jekk isiru jafu li tarbija li ma tgħammditx minn qassis ittieħdet saċ-ċimiterju bil-qassis u kollox, jew li, saħansitra, it-tarbija kienet mietet mingħajr ma tgħammdet xejn. "Imma, imma... " beda l-Arċipriet.

Missieri ma ħalliehx ikompli. B'sinjal ta' rasu, stiednu biex joħorġu 'l barra mill-kamra tas-sodda u t-tnejn daħlu fis-salott. Minn hemm, ommi żgur ma setgħet tisma' xejn. L-Arċipriet irranġa l-firxa tas-suttana u ntefa' bil-mod il-mod fuq is-sufan, fit-tarf nett,

b'idu sserraħ fuq il-ġenb u tħokk ma' wiċċu. Kienet dehra li tokkupa l-ispazju kollha tal-kamra li ma kinitx kbira aktar milli tistenna li tkun f'Balzunetta. Għalija, kienet għadha xena rari ħafna; qassis twil, liebes libsa sewda sewda minn fuq s'isfel u jirraġuna ma' missieri. Is-suttana kienet dehra li tiddomina fejn tkun. Ħlief fil-ftit minuti tat-tberik, din id-dehra ma rajtha qatt.

"Inti mur fil-kamra l-oħra, irridu nitkellmu jien u l-Arċipriet," ordnali missieri waqt li offrielu kikkra kafè. Din ukoll kienet ħaġa rari fid-dar tagħna. Il-kafè ma konniex nafu x'inhu wisq. Missieri għadda snin twal jaħdem mal-Ingliżi u, għalhekk, kien dmiru jaħlef li t-tè hu l-aħjar xarba għal kull ħin u għal kull staġun. Xi mkien fl-armarju tal-kamra tal-ikel, madankollu, kien hemm bott kafè merfugħ żgur għal xi okkażjoni speċjali.

Minn fejn kont mort, f'kamra oħra biex suppost ma nismax, ma ġietni ebda kurżita' nkun naf kif se tispiċċa l-kwistjoni. It-tarbija kienet diġà l-Ġenna u ma kellix bżonn provi. Il-każ kien magħluq imma, għal missieri, baqa' miftuħ beraħ sal-aħħar; sakemm għaddiet tiegħu!

# Żbalji postali (2)

### Sensiela ġdida mal-*Gozo Philatelic Society*
### B'kitba ta' Antoine Vassallo

Forsi mhux kulħadd japprezza x-xogħol dettaljat tal-inċiżur, speċjalment fiċ-ċokon tal-bolli stampati b'dan il-mod. Fost l-aħjar intaljaturi tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin, m'hemmx aqwa minn Czeslaw Slania (1921–2005). Il-bolla li tidher fuq il-lemin, maħruġa ftit xhur wara mewtu, turi ritratt ta' Czeslaw Slania ftit qabel ma miet. Sadattant, huwa rebaħ diversi unuri u anki nagħta bosta onorifiċenzi wkoll.




Matul ħajja ta' erba' u tmenin sena, Slania rnexxielu jaqbeż l-elf bolla li naqax fil-metall u din il-figura daħlet fil-*Guinness Book of Records* bħala l-ikbar għadd ta' bolli mnaqqxin minn persuna waħda. Barra l-Polonja, fejn twieled, u l-Iżvezja, il-pajjiż li adottah (u fejn beda jaħdem mil-lum għal għada għax, ta' qablu, marad bla mistenni) kienu bosta dawk il-pajjiżi li gawdew mill-ħila tiegħu fil-filatelija u, xi ftit ukoll, fl-istampar tal-karti tal-flus. Nista' nsemmi l-Gżejjer Aland, l-Awstralja, il-Belġju, iċ-Ċina, id-Danimarka, l-Estonja, il-Gżejjer Faroe, Franza, il-Ġamajka, il-Ġermanja, Ġibiltà, il-Gran Brittanja, Greenland, l-Irlanda, l-Islanda, il-Latvja, il-Litwanja, Monaco, New Zealand, San Marino, Singapore, l-Istati Uniti, it-Tuniżija, il-Vatikan u, saħansitra, anki l-Ġnus Magħquda. Ironikament, huwa ma mpjegax ruħu mal-istamperija nazzjonali Polakka qabel l-1950 imma ta sehmu fir-reżistenza waqt it-Tieni Gwerra Dinjija fil-falsifikazzjoni ta' dokumenti. U, ironikament ukoll, l-ewwel bolla li saret kollha minnu fiha żball!




Din il-bolla ħarġitha l-Polonja (dak iż-żmien immexxija minn gvern komunista) fl-1951 biex tfakkar it-tmenin anniversarju tal-Komun ta' Pariġi. Dan l-esperiment soċjali nistgħu niddeskrivuh bħala rivoluzzjoni soċjalista li, fl-1871, ħatfet il-belt kapitali Franċiża taħt idejha għal ftit ġimgħat.

Spiċċa kollox fis-*semaine sanglante* (jiġifieri, il-ġimgħa mdemmija) li, matulha, l-armata Franċiża, pass pass, ħadet lura l-kontroll tal-belt.

Il-Ġeneral Jaroslaw Dabrowski (1836-1871), wieħed mill-mexxejja tal-Gwardja Nazzjonali Rivoluzzjonarja, kien fost dawk li sfaw feruti u anki, saħansitra, tilef ħajtu. Fil-fatt, huwa miet ta' erbgħa u tletin sena biss. Din serviet ta' prova li x-xnigħat li huwa kien mixtri bil-moħbi ma kinux minnhom. Kien għalhekk li, bħala Pollakk, Jaroslaw Dabrowski ngħata prominenza fid-disinn ta' bolla li ħejja ċertu Brandt. Għaddew ftit tas-snin mhux ħażin biex, fl-1971, Jerzy Zdrada ppublika r-riżultat ta' riċerka li għamel u kixef balbuljata sħiħa li kienet ilha għaddejja għal ħafna snin.

Kif għamlu bosta ġellieda oħrajn qablu, Dabrowski ħa *nom de guerre* (isem speċifiku għall-okkażjoni) ta' Jaroslav Dombrowski. Jista' jkun li dan wassal biex, ritratt tal-pjanista Henri Dombrowski ħawduh miegħu.




U, biex tkompli tagħqad, kien jagħtih lemħa wkoll! Kien Charles-Jules Robert li kompla jżid mal-iżball meta bbaża l-inċiżjoni tiegħu fuq dan Dombrowski; żball li, imbagħad, kien ipperpetwat fuq eluf ta' kopji li anki sabu ruħhom fl-*Illustration Journal Universal* u kien hekk li, sakemm tniffes Zdrada, din baqgħet meqjusa bħala x-xbieha tal-Ġeneral Dabrowski!

Imbagħad fl-1971, ritratt korrett tal-veru Ġenerall Jaroslaw Dabrowski ntuża f'bolla li ħarġet il-Polonja biex tfakkar l-ewwel ċentinarju minn dik il-ġrajja Pariġina.

# Xi ħaġa x'jomgħod għal min m'għandux snien

**Kitba ta' Anthony Cardona**

L-ewwel parti tal-artiklu dwar it-Teorija tal-Evoluzzjoni ta' Charles Darwin dehret fil-ħarġa numru 93 ta' Jannar - Marzu 2019 filwaqt li t-tieni parti dehret fil-ħarġa numru 100 ta' Ottubru - Diċembru 2020. F'din it-tielet u l-aħħar parti, irridu ngħidu li m'hemmx dubju li nkitbu eluf ta' kotba u tkellmu mijiet ta' xjenzati fuq dan is-suġġett imma, jinkiteb x'jinkiteb u jingħad x'jingħad, dak li taqra u tisma' dejjem jibqa' l-prodott tal-intellett uman li żgur għadu ferm 'il bogħod milli jilħaq xi forma ta' perfezzjoni. Anzi, jiena ngħid li din ma tista' tintlaħaq qatt. Allura, dak li nafu s'issa mit-teoriji tal-bniedem u t-tagħrif tax-xjenza, żgur li mhuwiex l-aħħar kelma. Forsi nafu ħafna minn għejun differenti imma ma nafux kif beda l-univers, minn fejn nibtet il-ħajja u kif seħħet l-evoluzzjoni. Li nafu huwa dak li naħsbu li nafu imma xejn mhu ċert.




Però, forsi ftit jafu li anki Ġesù Kristu tkellem dwar it-Teorija tal-Evoluzzjoni meta kellem lil Maria Valtorta, mara mistika u qaddisa li għexet fis-seklu għoxrin. Maria twieldet fl-14 ta' Marzu tal-1897 f'Caserta, l-Italja. Missierha, Ġużeppi, kien uffiċjal tal-kavallerija u ommha, Iside, kienet għalliema tal-Franċiż. Iside kienet mara duttura u despotika għall-aħħar u lil bintha Maria kienet topponiha f'kulma kienet tagħmel. Maria għexet ħajja qaddisa u kellha ħafna rivelazzjonijiet mingħand Ġesù li kien ikellimha u jnebbaħha fuq ħafna affarijiet u li hi, wara, kitbithom fi djarju li ġie ppubblikat fl-1956 bl-isem ta' *Il-Poema tal-Bniedem Alla*. Darba, fid-djarju tagħha, kitbet li qatt ma seta' jkollha relazzjoni sabiħa bejnha u bejn ommha u, allura, kienet issib ir-refuġju ta' mħabba u protezzjoni f'missierha li kien jagħdirha. Minħabba x-xogħol ta' missierha, il-familja sikwit kellha timxi minn post għal ieħor: minn Caserta għal Milan, imbagħad Firenze u, fl-aħħar, Viareggio fejn Maria qattgħet il-kumplament ta' ħajjitha fis-sodda minħabba l-mard li kellha. Meta kellha tlieta u għoxrin sena, wieħed żagħżugħ delinkwent taha daqqa ta' ħadida ġo daharha għal xejn b'xejn u, għalkemm wara tliet xhur fis-sodda fieqet, il-ħsara baqgħet hemm u, aktar tard, kellha tqatta' l-kumplament ta' ħajjitha f'qiegħ ta' sodda. Maria kienet influwenzata mill-ħajja ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u offriet lilha nnifisha lil Alla bħala vittma għall-midinbin. Minn April 1934 'il quddiem, meta kellha 37 sena, hija ma setgħetx timxi iktar u bdiet tirċievi ħafna twissijiet mingħand Ġesù li hija kienet tiktibhom f'manuskritti. Maria Valtorta mietet fit-12 ta' Ottubru 1961 fl-età ta' erba' u sittin sena. Imbagħad, fl-1992, il-Kardinal Ratzinger li, wara, sar il-Papa Benedittu XVI, ta l-permess uffiċjali li l-kitbiet tagħha jkunu approvati mill-Knisja.

Ġesù qalilha ħafna affarijiet dwar il-ġejjieni tad-dinja u tal-umanità fosthom dwar l-iżball li jagħmel il-bniedem meta joqgħod fuq il-kalkolu uman mingħajr ma jitlob l-għajnuna t'Alla. Ġesù qalilha wkoll dwar it-Teorija tal-Evoluzzjoni li, fil-kunċett ta' Charles Darwin, tqiegħed l-eżistenza bħala frott tal-evoluzzjoni materjali li bdiet b'kumbinazzjoni bla ma tqis li jista' jkun hemm Alla Omnipotenti. Ġesù qalilha, "Kif jista' jkun li l-bniedem iwieġeb il-mistoqsijiet xjentifiċi kollha jekk ma jkollux lil Alla miegħu biex jagħtih it-tweġibiet?" Ġesù taha ħafna tweġibiet li hija kitbithom fid-djarju tagħha. Hawnhekk, ser nelenka xi wħud minnhom f'forma ta' mistoqsijiet u sentenzi:

1. Min jista' jikxef il-misterji tal-ħolqien jekk mhux il-Kreatur Suprem li Ħalaq l-univers bil-ħajja fih?

2. Taf li d-dinja tagħna, li aħna tant ngħożżu bħala d-dar tagħna, mhi xejn ħlief traba ddur fil-wesgħat infiniti tal-univers u li mhijiex l-ikbar waħda imma hija l-iktar waħda korrotta?

3. Meta tħares lejn is-smewwiet u tara l-kwiekeb billejl, miżgħuda b'miljuni ta' miljuni ta' dinjiet oħrajn mimlijin ħajja, ma taħsibx fuq kemm hu kbir u bla qies Alla li ħalaqhom?

4. Ma tafx li l-bniedem supperv ta' din id-dinja jaħseb li, bl-intelliġenza tiegħu biss, ser isib tarf ta' kollox u dan biex ma jammettix li hemm Alla li ħalaq kollox mix-xejn bil-qawwa Omnipotenti Tiegħu?

5. Taħseb li l-bniedem żviluppa mill-annimal bil-proċess naturali tal-evoluzzjoni? Jekk il-bniedem ġej mix-xadini, allura kif jista' jkun li issa, bil-progress li għamlet ix-xjenza, ma rnexxilux joħloq bniedem ieħor minn xadina? Jew, bil-maqlub, kif jista' jkun li, jekk il-bniedem tnissel mix-xadini, bil-fertilizzazzjoni ta' bejn il-ġeni, ma jistax jerġa' jsir xadin?

6. Taħseb li, bl-esperimenti fil-kloni, il-bniedem għad jasal biex joħloq il-ħajja? Ngħidlek li diġà jaf li dan qatt ma jista' jkun għax qatt ma jista' jasal biex jagħmlu bil-ħila tiegħu. Il-bniedem kapaċi jivvinta ħafna affarijiet imma ma jistax jasal li joħloq ħajja intelliġenti b'mod artifiċjali.

7. L-intelliġenza tal-bniedem supperv ma togħġobx lil Alla għax il-bniedem jaħseb li kapaċi joħloq il-ħajja mingħajr Alla u dan ma jistax ikun.

8. Għal millennji sħaħ, kull annimal baqa' l-istess speċi kif ħalqu Alla u anki l-bniedem inħalaq b'mod sħiħ kif inhu issa, skont l-ordni ta' kif Alla ddetermina sa minn dejjem.

9. Alla ried li l-bniedem, bħala kreatura Tiegħu, iħobb u jaqdi lill-Mulej matul il-ħajja umana tiegħu, li jagħrfu fil-verità Tiegħu bħala Alla u jgawdih għal dejjem f'ħajja oħra. Imma l-filosfi foloz tal-lum jaħsbu li, bl-evoluzzjoni, il-bniedem dejjem miexi 'l quddiem meta, fil-fatt, l-evoluzzjoni nieżla 'l isfel għax, bid-dnub tan-nisel, il-bniedem ħassar għal dejjem il-perfezzjoni fiżika/morali/spiritwali oriġinali tiegħu u tilef il-karatteristiċi sopranaturali li tah Alla.

10. Tant tħassret il-perfezzjoni tal-bidu li lanqas il-Passjoni ta' Ġesù Kristu ma kienet biżżejjed biex telimina d-dnub, avolja ġabet il-grazzja lil dawk li jemmnu fih.

11. Għalkemm jevolvi, il-bniedem mhux prodott ta' xi evoluzzjoni, bħalma l-ħolqien mhux prodott ta' xi awtoġenesi (jiġifieri beda waħdu mix-xejn).

12. Biex ikollok l-evoluzzjoni, fil-bidu jrid ikollok sors kreattiv. Mela kif jista' jkun li dawk l-ispeċi kollha tal-ħajja li jeżistu f'din id-dinja tnisslu kollha minn ċellola waħda?

13. Biex tgħix, iċ-ċellola teħtieġ l-elementi kollha vitali li jmantnu l-ħajja. Allura, jekk iffurmat mix-xejn, minn fejn sabet dawn l-elementi li jżommuha ħajja biex tirriproduċi lilha nnifisha?

14. L-ewwel ċellola kif setgħet issib l-erba' elementi meħtieġa għall-ħajja li huma l-arja, id-dawl, is-sħana u l-ilma? Min seta' tahomlha dawn l-elementi? Mhux min għandu l-fonti tal-ħajja fih innifsu? Kif jista' jkun li, minn ċellola waħda li ġiet mix-xejn, joħorġu dawk l-ispeċi kollha li jeżistu fl-univers?

15. Meta tara l-istilel, il-pjaneti, id-dinja tagħna bil-pjanti, l-annimali u l-bnedmin bil-ħajja fihom, allura dawn bdew minn ċellola waħda? Kieku kien hekk, iċ-ċellola kienet tkun akbar mill-infinit. Imma dan ma jistax ikun.

16. Kemm taħseb li huwa loġiku li temmen li l-ħajja bdiet minn ċellola waħda li baqgħet tirriproduċi lilha nnifisha bl-evoluzzjoni u ma temminx li Alla jeżisti u li kien Hu li ħalaq il-kreazzjoni Tiegħu.

17. Għal millennji sħaħ, l-annimali baqgħu mingħajr ir-raġuni u l-mezzi ta' komunikazzjoni intelliġenti, bħalma għandu l-bniedem, avolja jgħixu flimkien miegħu fl-istess dinja.

18. Alla biss jista' jibdel il-kaos f'ordni ġdid u jimla l-ħolqien Tiegħu bi kreaturi ħajjin bħall-annimali u l-bnedmin. Għaldaqstant, id-diversità tal-kuluri fis-smewwiet, fuq l-art u fil-baħar, kif ukoll l-istrutturi tal-ispeċi tal-ħlejjaq kif riedhom Alla, huma prova tal-eżistenza Tiegħu u tal-kapaċità Omnipotenti Tiegħu bħala Alla qawwi li jista' kollox.

19. U, biex tara din il-verità, l-ewwel trid tgħaqqad l-intellett mal-imħabba u tara l-affarijiet mhux biss bl-intellett imma bit-tjubija wkoll għax it-tajjeb huwa aqwa mill-għerf u, kull min għandu l-imħabba fih, din tagħtih it-triq għall-verità għax, mingħajr imħabba, mhemmx intelliġenza.

20. Alla ma jinfiridx minn dawk li jħobbuh. Kull min iħobb lil Alla, ikollu d-dawl biex l-intelliġenza tiegħu tkun ġejja mill-għerf t'Alla.

Barra minn ħafna oħrajn, dawn it-testi Ġesù rrevelahom lil Maria Valtorta u hi kitbithom fi djarju bl-isem ta' *Il-Poema tal-Bniedem Alla*. Maria kitbet ukoll djarji oħrajn, fosthom *Il-Vanġelu Kif Irrivelat Lili* (manuskritti tal-1943, 1944 u 1945-50). Dawn il-kitbiet kienu ppubblikati fl-1956 u approvati mill-Knisja fl-1992. Naturalment issib ħafna min jgħidlek li dan kollu jista' jkun frott tal-immaġinazzjoni ta' din il-mara li ħolmot li qed tara lil Ġesù jiddettalha dan kollu. Però, tista' timmaġina bniedem jaħli ħajtu, biex ngħid hekk, u jissagrifika lilu nnifsu biex juri lid-dinja affarijiet li huwa stess ikun jaf li huma biss frott tal-immaġinazzjoni tiegħu? Il-kliem ta' Ġesù fih ħafna x'tomgħod imma, jekk int bla snien, se ssibha diffiċli biex jinżillek. Issa f'idejk lil min temmen; lil Darwin jew lil Ġesù? Jiena nemmen lil Ġesù!

# Laferla Cross

**Anthony Borg**



Just you and me,
under Laferla's Cross,
free from the city's hustle and bustle.

To hug and to kiss
is just a show of peace;
no worries; no sorrows.
With two tranquil minds
we practise love as artists.

We wish no harm to others
but, rather, love for each other.

**In memory of my German friend Isabella De Anne who, during her stay in Malta, introduced me to Erich Fromm's book *Art of loving*.**

# Il-Qwiel, jew Proverbji

## Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ



'Kliem ix-xiħ, żomm fih!' jgħid il-qawl Malti. Il-qwiel, jew proverbji, ma ssibhomx fil-Malti biss. L-Ingliżi, it-Taljani, il-Franċiżi, u l-popli l-oħrajn, kollha għandhom tagħhom ukoll. Qawl u proverbju jfissru l-istess; waħda hija kelma semitika, mill-verb 'qal' u l-oħra romanza minn ilsien romanz bħalma hu t-Taljan. Imma jfissru l-istess, bħalma huma 'mistoqsija' u 'domanda'. Meta bdejt bil-qawl li jgħid, 'kliem ix-xih, żomm fih' ma kienx pereżempju. Għax ix-xjuħ tagħna, li ħolqu dawn il-qwiel, kienu ferm għorrief. Kienu jafu x'jgħidu. Il-qwiel li ħolqu fihom ħafna x'tifhem u għandna ħafna x'nitgħallmu minnhom.

Hija ħaġa tajba li l-qwiel Maltin, li huma parti mill-patrimonju tagħna, jiġu mgħallma fl-iskejjel għax tkun tassew ħasra jekk jintesew u jintilfu bħalma qed jintilfu bosta kliem Malti pur għax floku qed nużaw xi ħaġa oħra. Biex naghti ftit eżempji biss; għaliex ngħid 'bonġu' meta nista' ngħid 'l-għodwa t-tajba'? Għaliex nuża l-kelma 'ġurnata' meta għandi l-kelma 'jum'? Għaliex ngħid 'grazzi' meta nista' ngħid 'irroddlok ħajr'?

Fuq wieħed mill-istazzjonijiet lokali tat-*television*, jidher programm jismu 'Esperti'. Fil-fehma tiegħi, dan huwa programm ferm gustuż u divertenti li jnissel tbissima fuq wiċċ kull min jarah. Il-protagonisti huma disat itfal ta' bejn is-seba' u l-għaxar snin. Dik li tmexxi l-programm tagħżel kelma u tistaqsi lit-tfal jekk jafux xi tfisser. Ngħidu aħna, staqsiethom jafux xi tfisser il-kelma 'spiritiera'. Tista' tgħid li, minħabba li l-ewwel nofs ta' din il-kelma hija 'spirit', kważi t-tfal kollha assoċjawha mal-fatati u mal-iħirsa. Waħda mit-tfal biss qalet li semgħet lil nannitha tgħid li, fi żmienha, kienu jsajru fuq l-ispiritiera.

Imma nerġgħu għas-suġġett tal-qwiel. Mela, għandna d-*Divina Commedia* li nafu li hi ta' Dante Alighieri; id-drammi ta' William Shakespeare; poeżiji ta' Dun Karm jew ta' Ružar Briffa jew ta' Anton Buttiġieġ; kliem 'Ġensna' ta' Ray Mahoney; il-kanzunetta 'Fil-Pjazza tar-Raħal' ta' Enzo Gusman; saħansitra, anki l-ħrejjef, antiki kemm huma antiki, nafu li kitibhom Esopu. Imma, ħaġa li, qabel fissruhieli, tgħidx kemm kienet tiskantani hija li għandna dawn il-qwiel kollha u lanqas biss nafu min ħoloqhom. Li nistgħu ngħidu hu li l-qwiel ħolquhom l-antenati tagħna, l-iktar meta kienu josservaw in-natura, u dawn il-qwiel kienu jgħadduhom lil xulxin mill-missier għall-iben sa ma waslu għandna b'mod anonimu.

Fil-kitbiet tiegħi, inħobb nuża ħafna l-qwiel. Appropożitu ta' hekk, għandi kanzunetta li, appuntu, jisimha, 'Il-Ħmar il-Magħkus'. Ktibtha xi għoxrin sena ilu u tirrifletti ċerti ċirkustanzi meta l-ħajja ttik u terġa'; meta jibda ġej kollox ħażin; meta tħoss li ma baqax x'jinqalagħlek iktar, għax 'il-ħmar il-magħkus idur għalih id-dubbien'. Imma, qisu qatt mhu biżżejjed għax, meta taħseb li missejt il-qiegħ, issib xi ħaġa oħra ma' wiċċek li tkompli tgħattnek u ġġibek b'id waħda wara u l-oħra quddiem.

Nifhem li, it-tfal tal-iskola, mhux biżżejjed li jitgħallmu l-qwiel bl-amment imma jitgħallmu t-tifsira tagħhom ukoll. Għax, x'jiswa li tkun taf il-qwiel kollha bl-amment imbagħad ma tkunx taf tapplikahom fil-kuntest proprju tagħhom? Mur staqsi lill-'esperti' ta' dak il-programm televiżiv xi tfisser il-kelma 'magħkus'! Aħseb u ara kieku kellek titlobhom jgħidulek xi jfisser il-qawl kollu.

Meta toqgħod taħseb, mhix ħaġa tal-għaġeb li l-qwiel, kważi dejjem, iduru mal-annimali jew mat-temp. Għax, il-biċċa l-kbira ta' dawn il-qwiel ħolquhom nies bħall-bdiewa, gabillotti u raħħala; nies li jgħaddu l-biċċa l-kbira ta' ħajjithom fil-miftuħ u fil-beraħ, qrib in-natura, qrib l-art u l-annimali. Għalhekk, meta jitkellmu, jitkellmu fuq il-ħwejjeġ li jafu huma: 'Kelb rieqed la tqajmux!' 'Il-qattusa għaġġelija frieħ għomja tagħmel!' 'Tolqot żewġ għasafar b'ġebla waħda.' 'Il-ħanżir, taqtagħlu denbu, ħanżir jibqa'!' 'Jurik id-debba u jqabbżek il-ħmara!' 'Bil-kelma t-tajba, toħroġ il-far mit-toqba!'

Jew fuq it-temp: 'Xemx u xita Alla jaf mita!' 'Xemx li ma ssaħħanx aħjar il-bard ta' Jannar minnha!' 'Riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa!' 'Ħmura ta' filgħodu, lesti l-bhejjem fejn joqogħdu; ħmura ta' fl-għaxija, lesti l-bhejjem għat-tiġrija!' 'Frar ifawwar il-bjar! Marzu marzellu jaħraq ir-rix u r-rixtellu!' Jew, 'Is-sajf kapott tal-fqir.' U nistgħu nibqgħu sejrin hekk għax tassew kienu għorrief ix-xjuħ tagħna u, għax, kif jgħid il-qawl Malti: 'Tikber u titgħallem u, fl-aħħar, tlaqqat tal-imgħallem!'

# Bon appetit!

**Novella ta' Lina Brockdorff**



Melina kienet waslet biex tagħlaq il-ħamsin sena u, b'xorti ħażina, inzerta li ser ikun il-jum tat-Tlieta; mank jum fi tmiem il-ġimgħa! Meta żewġha ssuġġerielha biex jiċċelebraw l-okkażjoni l-Ħadd ta' qabel, hi mill-ewwel uriet li mhux sew; xtaqet iżżomm id-data preċiża. Żewġha ma setax jieħu *leave* mix-xogħol u, għaldaqstant, wara ħafna argumenti, waslu fi ftehim li t-Tlieta filgħaxija joħorġu jieklu f'restorant lussuż, basta jkun post magħruf għall-ħut. Għax Melina kienet iffissata fuq il-ħut u, kieku kien possibbli, kienet tiekol lilu biss. Ħallik mill-laħam u mill-ħaxix, kienet tgħid; aqwa mill-ħut m'hawn xejn!

Iż-żewġ uliedha, Stefania u Tricia, li t-tnejn kellhom qrib l-għoxrin sena, kien ilhom iħabblu rashom kif ser jagħmlu, forsi ma tafx kif, bl-għajnuna taz-zija Stella, li kienet toqgħod ftit bibien 'l isfel minnhom, joħorġu b'xi sorpriża għall-ikla ta' nofsinhar tat-Tlieta. Tgħidx kemm qallbu kotba ta' riċetti imma kollu għalxejn. Barra minn hekk, l-Imsida ma kellhomx ħanut tajjeb minn fejn setgħu jixtru l-ħut u, għalhekk, ħtiġilhom jaħsbu minn qabel biex jirnexxilhom. Qatgħu qalbhom mill-kotba tar-riċetti u, fl-aħħar, iz-zija ħarġet b'idea tassew oriġinali.

Il-Ħadd ta' qabel, is-sinjorini telqula lejn Marsaxlokk flimkien ma' zijithom. Tgħidx kemm xtraw ħut li kellu jmur jistenna fil-friġġ taz-zija waqt li magħhom id-dar ħadu kilo tonn frisk ħalli ommhom żgur ma tissuspetta xejn. Tgħidx kemm ferħet bih u, għalkemm kellha koxxa tal-majjal il-forn, għaliha ppreferiet biċċa tonn.

Wasal il-jum tat-Tlieta. Ilkoll li huma ħajru lil Melina biex dik l-għodwa tmur sas-Suq tal-Belt; ħaga li għaliha kienet xalata, anki jekk ma tixtri xejn imma toqgħod thares biss lejn dawk il-bankarelli mimlijin bl-aqwa barka t'Alla. Meta tmur hemm, qatt ma kienet tasal lura d-dar qabel in-nofsiegħa jew is-siegħa u hekk ġara dakinhar ukoll. Kienet għadha bilkemm fetħet l-antiporta meta xammet ir-riħa tfuħ tal-ħut.

Daħlet tgħaġġel fil-kċina biex tara x'kien hemm jistennieha imma ma sabet xejn. Oħtha wrietha b'subgħajha l-kamra tal-pranzu u Melina fehmet li kien hemm xi ħaġa tistennieha hemmhekk. Ħaslet malajr idejha, irranġat ftit xagħarha u daħlet fil-kamra tal-pranzu fejn kien hemm ukoll Stefania u Tricia jistennewha bi tbissima fuq wiċċhom. Il-mejda tal-pranzu kienet mgħottija bl-isbaħ tvalja li kellhom u, fl-istess ħin, armata biex jibdew jieklu. Kollox kien lest.

Bdew bi platt aljotta mimli bil-laħam tal-vopi, sawrell u ħut ieħor tas-soppa. Skantat Melina għax qatt ma stenniet li ser issib dak il-platt aljotta jistennieha. Tgħidx kemm damet tfaħħar lil kulħadd għal dik is-sorpriża. Imma l-kbir kien għadu ġej. Hi qalet li qatt ma stenniet sorpriża bħal dik.

Wara ftit, indunat li kien hemm xi ħaġa oħra. It-tieni platt kien jikkonsisti f'qaqoċċa kbira mimlija f'nofs il-platt imdawra b'kull tip ta' insalata. Baqgħet skantata tħares lejn dak l-arranġament artistiku u, wara ftit, qalet, "Jaħasra, dan dnub jekk nibda niekol minnu u nzarmah! Dan mhux ser immissu!" Fl-istess ħin, bdiet tirrealizza li mhux ħaga f'postha li tibqa' tħares lejn dak il-platt mingħajr ma tibda tiekol, li ma jmorrux jieħdu għalihom. L-erbgħa li huma bdew jistennew lilha biex tattakka l-platt waqt li, fuq wiċċhom, kellhom bħal ħarsa misterjuża. "Naħseb li aħjar nibdew!" qalet sa fl-aħħar Melina.

"Mela hekk!" wieġbet Stella imma, sadanittant, huma xorta kien għadhom ma messew xejn. Baqgħu jistennew lil Melina tibda hi. Naturalment, bdiet mill-qaqoċċa u ma skantatx bi ftit meta, malli ġibdet l-ewwel werqa tagħha, flimkien mal-mili tal-ħobż, tursin, kappar u tewm, ħareġ ukoll gamblu kbir; imqaxxar naturalment.

"Ara! Jien qatt ma kilt qaqoċċ mimli bil-gambli! Kemm hi idea tajba! Dawn minn fejn xtrajtuhom? Ikollkom tgħiduli għax tajbin wisq u rrid nibda nixtri minnhom."

It-tlieta l-oħra tgħidx kemm bdew jiggustawha għax kienet qisha tifla żgħira; minn banda trid tiekol u, mill-banda l-oħra, trid tgħid ħafna xorti fl-istess ħin. Fl-aħħar, weġbitha Stefania: "Mamà, dawk ordnajnihom minn Pariġi apposta għalik. Jisimhom, *Artichaut et crevettes!*"

"Aħjar ma ngħid xejn! U kemm huma tajbin! Ħalli għalihom il-Franċiżi biex jivvintaw xi ħaga hekk!"

U belgħatha bl-għeruq u x-xniexel li dawk ġew minn Pariġi. Wara li laqqtet sal-aħħar werqa qaqoċċa u l-aħħar gamblu qalet li, tant kielet bil-qalb li, lanqas kien fadlilha post għad-diżerta. Madankollu, xħin intebħet li kien hemm sufflè, malajr bidlet fehmitha. U trid tara kif iċċassat meta saret taf li l-qaqoċċ mhux veru ġew minn Pariġi imma sajrithom oħtha bil-paċenzja kollha. Dak il-ħin stess, Melina qamet minn mal-mejda, marret tħaddan lil Stella u, "Grazzi oħt!" qaltilha. Qatt ma kelli sorpriża sabiħa bħal din f'għeluq snini!"



# TISLIBA Nru.103

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Għalhekk; Ladarba hu hekk (6)
5. Jinbaram f'sigarretti (6)
10. L-itwal xmara tal-Affrika (3)
12. Storbju; Konfużjoni (5)
14. Ħares lejja (5)
15. Għanja ta' tifħir (4)
16. Artillery Regiment (1.1.)
17. Omonimu tilef l-aħħar trufijiet (5)
19. Andrew bil-malti! (5)
22. Nuqqas ta' Gvern; Disordni (8)
24. Ħoss regolari fil-Mużika (3)
25. Iċċattja; Irvina (6)
28. Skura; Mudlama (5)
31. Granza; Ikel għall-flieles (5)
33. Ilbies imdendlin mal-qadd (7)
35. Jaf jagħżel iżda bil-frott jintemm (5)
37. Royal Academy (1.1.)
38. Ġganti mitoloġiki griegi (6)
39. Bajrow (5)

**Weqfin:**

2. Il-Maqlub ta' xellug (5)
3. Kaxxa magħluqa; Qolla (4)
4. Qajjem paniku (7)
6. Maħbub dan il-kunjom! (5)
7. Post fejn impjegati jsibu jieklu ħafif (6)
8. Il-Maħbub tiegħi (6)
9. Meta żelaq tilef waħda mill-konsonanti (6)
11. ... Losco ! (3)
13. Xeħtu l-ballun fix-xibka (7)
18. ... daqs id-dubbien (4)
20. Moħrija; Uġigħ bit-<D>?! (7)
21. Ritwal (3)
23. Ġew mogħtija piena għax kisru l-liġi (9)
26. Uniċita; Ħaġa li ma ssibx bħalha (6)
27. Fin-nofs; Tan-nofs (6)
29. Artisti tal-palk (6)
30. Danni; Żvantaġġi (6)
32. Azzjoni; Ħidma (3)
34. Lingwa meqjusa bħala lsien mejjet (5)
36. Poġġi għall-wiri (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 102 intrebħet mis-Sinjura C. Dimech, Floriana **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 102**
**Mimdudin:** **1** virdun, **5** intopp, **10** aħh, **12** anqas, **14** raħal, **15** mama, **16** re, **17** alibi, **19** ġieri, **22** ittantat, **24** van, **25** sesami, **28** prima, **31** tieni, **33** mutetti, **35** total, **37** ta, **38** tinkit u **39** kurat.

**Weqfin:** **2** injam, **3** dwar, **4** neħħeji, **6** naqra, **7** pendil, **8** maħmuġ, **9** fallut, **11** ħar, **13** stinati, **18** mina, **20** everest, **21** ras, **23** neputiżmu, **26** immola, **27** ħammel, **29** aċiduż, **30** statut, **32** int, **34** tomba u **36** att.



# L-Anzjani fil-Bibbja

## Kitba ta' Anthony Mule' Stagno
## President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani



**San Ġwann l-Evanġelista**
Lil dan l-Appostlu ta' Kristu ma nsibuhx fil-Bibbja meta kien anzjan imma nafu li għex sa xi disgħin sena u kien l-uniku Appostlu li ma' mietx martri, għad li xorta ħa l-martirju, mixwi fiż-żejt jagħli, imma ma' mietx b'hekk. Miet f'soddtu, aktarx fil-gżira ta' Patmos, il-Greċja, fejn kien eżiljat u fejn kiteb l-aħħar ktieb tal-Bibbja, l-Apokalissi. Huwa kiteb ukoll tliet epistoli, jew ittri, kif ukoll l-Evanġelu li jġib ismu. Għalhekk, insejħulu l-Evanġelista u anki biex niddistingwuh minn San Ġwann il-Battista. L-ittri u l-Evanġelju kitibhom minn Efesu qabel kien eżiljat għal Patmos u meta kien diġà anzjan sew.

Ġwanni kien wieħed mill-ewwel appostli li sejjaħ Ġesù. Wara Xmun u Indri, kienu hu u ħuh Ġakbu li kienu msejħin waqt li kienu fuq id-dagħjsa ma' missierhom u dawn, minnufih, telqu kollox u marru wara Ġesù. Kien ukoll l-aktar wieħed maħbub minn Ġesù. Dan nafuħ l-aktar mill-Evanġelju tiegħu stess għax, kull meta jitkellem fuqu nnifsu, dejjem jirreferi għalih bħala d-dixxiplu li Ġesù kien iħobb. Skont xi studjużi, kien l-aktar wieħed maħbub għax kien l-uniku wieħed mhux miżżewweġ.

Flimkien ma' Pietru u Ġakbu, Ġwanni kien ukoll wieħed mit-tliet appostli li Ġesù ħa miegħu f'ċerti okkażjonijiet. Insibu tliet darbiet meta ġara dan; kollha rrakkuntati fl-Evanġelju ta' San Mattew. L-ewwel darba, kien meta Ġesù qajjem mill-mewt lit-tifla ta' Ġajru; it-tieni fit-Transfigurazzjoni u, l-aħħar, fl-Ort tal-Ġetzemani. Skont xi xhud, dawn kienu magħżulin għax Pietru kellu jmexxi l-Knisja, Ġakbu kellu jkun l-ewwel martri fost l-Appostli u Ġwanni għax kien l-uniku wieħed verġni.



Ġwanni kien l-uniku appostlu preżenti meta Ġesù kien mislub u Ġesù taħ lil Marija b'ommu u lil Marija taha lilu bħala binha, u anki nsibu li Ġwanni ħadha għandu. Kien ukoll l-ewwel wieħed li wasal ħdejn il-qabar ta' Kristu meta Marija Madalena qaltilhom li Ġesù rxoxta imma ma daħalx qabel wasal Pietru.

Dan kollu ma jfissirx li Ġwanni u ħuh, Ġakbu, kienu perfetti. Anki huma kellhom id-difetti tagħhom. Jidher li kienu ambizzjużi għax insibu miktub li, darba, talbu lil Ġesù biex ikunu wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug tiegħu meta jkun fil-glorja u Ġesù ċanfarhom. Dan l-episodju nsibuh f'żewġ Evangelji; ta' Mattew u ta' Mark, għad li bi ftit differenza. F'dak ta' Mark, insibu li marru jkellmu lil Ġesù weħidhom filwaqt li, dak ta' Mattew jgħidilna li marru m'ommhom. Fl-Atti tal-Appostli, speċjalment fl-ewwel kapitli, lil Ġwanni nsibuh imsemmi kemm-il darba li kien ma' Pietru.

L-Evanġelju ta' San Ġwann huwa differenti mit-tlieta l-oħra miktubin minn Mattew, Mark u Luqa, imsejħin sinottiċi. Dawn jgħidu l-istorja tal-ħajja ta' Ġesù b'mod ordnat u kronoloġiku u jagħtu stampa ta' kif għex u miet filwaqt li Ġwanni jikkonċentra iżjed fuq id-divinità u l-umanità ta' Kristu. Jagħmel aktar enfasi fuq it-tagħlim ta' Ġesù. Eżempju ċar ta' kemm irid juri d-divinità ta' Ġesù huwa l-bidu tal-Evangelju fejn jgħid ċar u tond li "l-Verb kien Alla."

Ħaġa kurjuża fl-ittri ta' San Ġwann hija l-qosor tat-tieni u t-tielet waħda. Huma l-iqsar żewġ ittri li nsibu fil-Bibbja. L-awtur stess jaf li huma qosra għax it-tnejn jispiċċahom billi jistqarr li xtaq jikteb iżjed imma dak li ma kitibx kien ser jgħidulhom meta jżurhom.

L-Apokalissi huwa l-aħħar ktieb li kiteb San Gwann u huwa wkoll l-aħħar ktieb tal-Bibbja. Jidher li hu miktub biex jikkonsla u jeżorta lill-Insara tal-Asja fil-persekuzzjoni li kienu qed isofru mill-Imperatur Domizian fis-snin disgħin wara Kristu. L-Apokalissi jikkonsisti f'sensiela ta' rivelazzjonijiet dwar it-tieni miġja ta' Kristu u forsi huwa maħsub biex iqawwi qalb l-insara ħalli dawn jifhmu li, fl-aħħar mill-aħħar, Kristu johroġ rebbieħ fuq il-ħażen. Xi studjużi jaħsbu li dawn ir-rivelazzjonijiet huma dwar x'ser jiġri fl-aħħar tad-dinja. Ftit wara li kiteb dan il-ktieb, Ġwanni miet eżiljat fuq il-gżira ta' Patmos, il-Greċja, meta kellu xi disgħin sena.

## Il-ħajt tas-sejjiegħ

**Poeżija ta' Maria Attard mill-Imqabba**

**L-għelieqi ddawwar pajsaġġ issawwar**
**sqaqien, irkejjen kampanja żżejjen.**

**Min jaf kemm-il bidwi kanun sema' jidwi**
**warajk sab l-irdoss ħalli jtaffi mill-ħoss.**

**Ja ħajt tas-sejjiegħ int qatt ma tixjieħ;**
**jew għorfa, jewwilla, isebbaħ xi villa.**

**Iżżejjen xi dar ġebel kbir, ġebel żgħar.**
**Sakemm ma ssirlekx ħsara, lilek jien niggosta u nara.**

# Passiġġata li fakkritni fix-xjuħija

**Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap.**

Jum minnhom, wara li kont qed nistrieħ minn tlett ijiem xogħol żul minn hemm fl-isptar, fettilli noħroġ ftit minn dan il-bini ta' ħafna tbatija. U, biex xejn xejn nieħu ftit mill-arja ta' barra, qtajtha li nerħilha għal passiġġata mar-*ring road* tal-Università. Kienu għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' waranofsinhar. Għalkemm kien jum tal-ħarifa, ix-xemx kienet għadha qed twennes, tmelles u ssebbaħ dak il-jum partikulari. Xħin qbiżt il-bini tal-isptar Mater Dei u bdejt miexi bil-mod il-mod fuq il-bankina, mill-ewwel qbadt lili nnifsi nimxi żewġ passi u nieqaf wieħed. Ommi ma, kemm kelli interruzzjonijiet f'din l-imbierka passiġata! Minbarra l-għadd ta' studenti li kienu mexjin fuq il-bankini; min sejjer lejn id-dar wara ruxmata jew ftit lezzjonijiet u min għadu sejjer lejn l-Università biex jismagħhom, kien hemm grupp imħallat ta' studenti Maltin u Afrikani li kienu qed jieħdu ritratt; eżatt f'nofs il-bankina!

L-etikett talab minni li nieqaf ftit sakemm jieħdu r-ritratt u, wara, inkun nista' nissokta triqti. Ħu ftit paċenzja bina Father; sakemm nieħdu *ritratt*, qaltli studenta Maltija. U dak hu li għamilt; waqaft sakemm dawk l-istudenti, li jiġu wliedi fil-wisgħa, ikunu jistgħu jieħdu ritratt tal-okkażjoni. Imma, malli wasalt ħdejn il-monument ta' Arvid Pardo, id-diplomatiku Malti-Svediż, akkademiku, professur tal-Università u missier il-liġi tal-konferenza dwar il-baħar, spiċċajt mill-ġdid ikolli nimxi fit-triq.

Din id-darba, bankini ma kienx hemm. Kulma sibt quddiem wiċċi kienu żewġt iġnub ta' triq mimlijin karozzi! Minħabba l-għadd ta' karozzi li kien hemm fuq iż-żewġ naħat tat-triq, kelli nimxi bil-mod mal-ġenb. U donni li, waqt li kont qed nimxi, sthajjiltni qed nisma' l-parir li kien jagħtini l-għażiż missieri, Alla jaħfirlu: *Mar,* kien jgħidli, għaddi minn *mal-ħajt!*

Ubbidjenti għal din il-kelma għaqlija, u anki mimlija komfort, li kien jgħidli missieri, bqajt miexi bil-mod. Mhux l-ewwel darba li kelli nieqaf. Dan għax, bil-karozzi li bdew għaddejjin, kważi kważi minn mieghi, ħassejt li jkun prudenti, kemm għas-sewwieqa kif ukoll għalija, li nistennihom jgħaddu. Hekk, il-passiġġata tiegħi, kienet mimlija interruzzjonijiet. Ovvja! Ma stajtx ngħaddas rasi u nibqa' għaddej; jekk ma ridtx nispiċċa l-Mater Dei; mhux iżjed bħala kappillan imma bħala pazjent!

Imma, din il-ħaġa, għalija, tabilħaqq serviet ta' barka! F'dawn l-interruzzjonijiet, tgħallimt li, anki meta fil-ħajja jkun hemm il-waqfiet, dawn ukoll għandhom it-tagħlima tagħhom. F'dawn il-waqfiet, l-Ispirtu s-Santu għallimni kif għandi nimxi, fejn u meta għandi nieqaf kif ukoll meta għandi nissokta nimxi. Barra minn hekk, għallimni wkoll kif għandi nħares u nikkalkula ħalli nieqaf fejn hemm bżonn u nkompli meta għandi nerġa' nissokta mixjieti.

Dettall interessanti kien meta bdew jinġemgħu l-karozzi wara xulxin. Issa stajt nimxi bla biża'. Għax magna wieqfa x'tista' tagħmillek? U s-sabiħa hi li aqta' kemm kelli ċans nitħaddet max-xuffiera li kienu weqfin fit-traffiku! Kien hemm min qalli li rani fuq it-*television*. U raġel ieħor qalli li kien jara l-posts tiegħi fuq il-*Facebook*. Dawn il-waqfiet, għalija, kienu, tabilħaqq, providenzjali għax, matulhom, stajt nagħti l-Kurunella tal-Ħniena Divina lil dawk il-persuni biex jitolbuha. Kos hux! Kull okkażjoni hija flokha biex il-Mulej jaħdem! Basta nifthulu l-bieb ta' qalbna u nħalluh jaħdem bina! Veru?

It-tagħlima kbira li għalmitni din il-passiġġata mhux tas-soltu kienet li, anki x-xjuħija tagħna hija mimlija bl-interruzzjonijiet. Minħabba s-snin li jgħaddu minn fuqna, kif ukoll minħabba l-għejja ta' ħafna xogħol, il-ħajja nibdew noħduha bil-mod; ħaġa ħaġa! Is-sabiħa hi li, jekk nippruvaw nitqanżħu biex nagħmlu aktar milli nifilħu, malajr ikollna niffaċċjaw problemi xejn sbieħ li jistgħu jkunu anki fatali għal ħajjitna. Għaldaqstant, il-prudenza hija tant meħtieġa! U l-prudenza hija barka. Anzi, barka kbira ħafna wkoll! Dan għax, meta nqisu x'sejrin nagħmlu, nispiċċaw nibżgħu aktar għar-relazzjonijiet tagħna mal-oħrajn. Lil oħrajn nibdew nagħtuhom aktar valur! U dan ir-rispett jinbidel f'imħabba ġenwina li tfittex il-ġid ta' ħaddieħor. Minħabba l-esperjenza li l-Mulej tana f'ħajjitna, lil oħrajn nibdew ngħaddulhom kliem li tassew jagħmlilhom il-ġid; probabbli għax il-kliem li ngħidulhom inkunu diġà ġarrabnihom aħna stess mal-medda tas-snin.

Għalkemm wasalt Mater Dei ftit aktar tard mis-soltu, kont kuntent b'din il-mixja speċjali li l-Mulej tani nimxi madwar ir-*ring road* tal-Università. Xejn xejn, biex dejjem nibqa' niftakar li l-ħajja wkoll hija mixja kontinwa li, minkejja l-interruzzjonijiet li tista' tgħaddi minnhom, jinħtiġilha tissokta għaddejja u ma tiqafx! Sakemm tasal għall-glorja tagħha fuq din l-art, ix-xjuħija!